# INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA

Progress u Żviluppi

2005–2010



# INTERVENT FIT-TFULIJA BIKRIJA – PROGRESS U ŻVILUPPI 2005–2010

**L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali**

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali hija organizzazzjoni indipendenti u li tmexxi lilha nnifisha, li hija sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Agency u l-Istituzzjonijiet Ewropej (Il-Kummissjoni u l-Parlament).

Il-fehmiet espressi minn individwi f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Agency, il-pajjiżi membri jew il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-inormazzjoni f'dan id-dokument.

Edituri: V. Soriano u M. Kyriazopoulou, l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali.

Il-kontribuzzjoni speċifika ta' Filomena Pereira (Minististeru tal-Edukazzjoni, il-Portugal), Bojana Globačnik (Ministeru tal-Edukazzjoni u Sport, is-Slovenja), Yolanda Jiménez Martínez (Ministeru tal-Edukazzjoni, Spanja). Małgorzata Dońska-Olszko (Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Polonja) u Lenka Svitek (trainee fl-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali), fit-tħejjija ta' dan ir-rapport hija apprezzata u rikonoxxuta.

Estratti mid-dokument huma permessi darba waħda ssir referenza ċara għas-sorsi minn fejn ittieħdu. Dan ir-rapport għandu jiġi rreferenzjat kif ġej: European Agency for Development in Special Needs Education, 2010. *Intervent fit-Tfulija Bikrija – Progress u Żviluppi 2005–2010,* Odense, id-Danimarka: European Agency for Development in Special Needs Education

Wieħed jista' jsib ir-rapport f'format elettroniku u f'21 lingwa biex b'hekk ikun hemm aċċess aħjar għall-informazzjoni. Il-verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport jinkisbu mill-websajt tal-Agency: www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-049-5 (Stampata)

ISBN: 978-87-7110-072-3 (Elettronika)

**© L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali 2010**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet sostnuta mid-DG għall-Kummissjoni Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Kultura.
http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

## X'FIH

**DAĦLA** .......... **5**

**INTRODUZZJONI** .......... **7**

**1. TAQSIRA TAR-RAPPORTI TAL-PAJJIŻI** .......... **11**

1.1 Il-Progress u t-tibdil ewlieni dwar kemm wieħed jista' jikseb is-sostenn meħtieġ .......... 11

*1.1.1. Żviluppi ta' miżuri ta' policy* .......... *12*

*1.1.2. Disponibiltà ta' informazzjoni indirizzata għal familji u professjonisti* .......... *13*

*1.1.3. Definizzjoni tal-gruppi fil-mira* .......... *13*

1.2 Progress u sfidi ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma' viċinanza .......... 17

*1.2.1 Id-deċentralizzazzjoni tas-servizzi* .......... *17*

*1.2.2 Nilħqu l-ħtiġijiet tal-familji* .......... *19*

1.3 Progress u tibdil ewlieni fir-rigward ta' kemm wieħed jaffordja .......... 22

*1.3.1 Għoti ta' fondi għas-servizzi tal-ECI* .......... *22*

1.4 Il-progress u t-tibdil ewlieni relatat ma' xogħol interdixxiplinarju .......... 24

*1.4.1 Kooperazzjoni mal-familji* .......... *24*

*1.4.2 Il-bini ta' tim u l-istabbiltà ta' membri ta' tim* .......... *26*

1.5 Progress u tibdil ewlieni relatat mad-diversità u l-koordinazzjoni .......... 29

*1.5.1 Koordinazzjoni bejn is-setturi u fihom infushom* .......... *29*

*1.5.2 Koordinazzjoni ta' proviżjoni u kontinwità ta' sostenn* .......... *32*

*1.5.3 Informazzjoni komplimentarja dwar standards ta' kwalità għal servizzi ta' ECI* .......... *34*

**2. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET** .......... **37**

2.1 Konklużjonijiet .......... 37

2.2 Rakkomandazzjonijiet .......... 38

*2.2.1 Nilħqu l-popolazzjonijiet kollha li jkollhom ħtieġa ta' ECI* .......... *38*

*2.2.2 Tiġi assigurata l-kwalità u standards ugwali għall-proviżjoni u t-twassil ta' ECI* ........................................ *39*
*2.2.3 Nirrispettaw id-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom* ........................................ *40*
*2.2.4 Leġiżlazzjoni u miżuri ta' policy* ........................................ *42*
*2.2.5 Titjib ta' koordinazzjoni fis-setturi nfushom u bejnhom stess* ........................................ *42*
*2.2.6 Żvilupp ta' rwoli tal-professjonisti* ........................................ *42*

**LISTA TA' ESPERTI NOMINATI** ........................................ **45**

**SANNESS** ........................................ **46**

# DAĦLA

Dan ir-rapport fih daħla ġenerali dwar il-progress u t-tibdiliet ewlenin li jidħru ċari fil-livell Ewropew sa mis-sena 2005 fil-qasam tal-Intervent fit-Tfulija Bikrija (ECI). Dawn l-iżviluppi huma ġenerali u huma wkoll f'relazzjoni mal-ħames elementi ewlenin – kemm jista' jinkiseb; il-viċinanza; kemm jista' jiġi affordjat; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità – li huma meqjusa bħala fatturi essenzjali fil-mudell propost mill-ECI fl-istudju tal-Agency tal-2005.

Il-pajjiżi membri tal-Agency bdew ix-xogħol ta' dan il-proġett bħala aġġornament tal-analiżi fil-qasam tal-ECI li sar mill-Agency fl-2003–2004.

B'kollox il-pajjiżi huma – L-Awstrija, il-Belġju (il-komunità li titkellem bil-Franċiż), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norverġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija – kienu involuti fl-attivitajiet tal-proġett ma' 35 espert nazzjonali li kienu nnominati għall-proġett. Id-dettalji tal-kuntatt tal-esperti jistgħu jinkisbu mill-aħħar ta' dan ir-rapport.

Ix-xogħol tagħhom, flimkien ma' dawk tal-membri tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency u l-Koordinaturi Nazzjonali, huma apprezzati ħafna. Il-kontribuzzjonijiet tagħhom kollha assiguraw is-suċċess tal-proġett tal-Agency.

Ir-rapport fil-qosor jippreżenta s-sejbiet ewlenin mill-proġett. Dan ir-rapport huwa msejjes fuq tagħrif minn rapporti ta' pajjiżi sottomessi mill-pajjiżi msieħba kollha. Ir-rapporti tal-pajjiżi flimkien ma' materjal assoċjat fil-qasam tal-ECI wieħed jista' jiksbu mill-websajt tal-Agency dwar il-progrett: http://www.european-agency.org/agency-projects/early-childhood-intervention

**Cor J. W. Meijer**

Direttur

L-Aġenzija Ewropa għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali

## INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jippreżenta taqsira tal-progress u l-bidliet ewlenin li saru fil-pajjiżi msieħba sa mill-2005 fil-qasam tal-Intervent fit-Tfulija Bikrija (ECI), fuq il-bażi tat-tagħrif pprovdut mir-rapporti tal-pajjiżi.

Il-proġett kellu l-bidu tiegħu minn pajjiżi membri tal-Agency bħala aġġornament tal-analiżi fl-ECI, li sar mill-Agency fl-2003–2004. Taqsira tar-rapport ippubblikata fl-2005 tista' tinsab f': http://www.european-agency.org/publications/ereports/

L-ewwel analiżi tal-proġett tal-Agency tat importanza lill-ECI kemm fil-livell ta' policy kif ukoll fil-livell professjonali u pproponiet mudell ta' ECI li fih is-saħħa, l-edukazzjoni u s-setturi soċjali huma direttament involuti. Dan il-mudell ta' ECI jiffoka fuq il-proċessi ta' żvilupp u fuq l-impatt ta' interazzjoni soċjali fuq l-iżvilupp tat-tfal b'mod ġenerali u fuq tfal individwali b'mod speċifiku. Din tagħfas fuq bidla fl-enfasi minn tip ta' intervent iffukat fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq it-tifel/tifla għal approċju estiż li jinvolvi lit-tifel/tifla, il-familja tiegħu/tagħha u l-ambjent. Dan jirrispondi għal evoluzzjoni ta' ideat usa' fil-qasam tad-diżabiltà, speċifikatament minn mudell 'mediku' għal mudell 'soċjali'.

Fl-istess linja ta' dan il-mudell li għadu qiegħed jinbena, kienet proprosta u kien hemm qbil fuqha minn esperti li jaħdmu fil-qafas tal-ewwel analiżi tal-Agency, din id-definizzjoni operazzjonali:

*L-ECI hija magħmula minn servizzi/proviżjonijiet għal tfal żgħar ħafna u l-familji tagħhom, li jiġu pprovduti fuq talba tagħhom fi żmien speċifiku fil-ħajja tat-tifel/tifla, u li tkun magħmula minn kull azzjoni li ssir meta t-tifel/tifla jkun jinħtieġ sostenn speċjali biex:*

- *Tassigura u ttejjeb l-iżvilupp personali tiegħu/tagħha;*
- *Issaħħaħ il-kompetenzi tal-familja tiegħu/tagħha, u*
- *Tippromwovi l-inklużjoni soċjali tal-familja u t-tifel/tifla.*

Fl-ewwel analiżi tal-proġett kienu identifikati elementi relevanti differenti għal dan il-mudell ta' ECI bħala li jinħtieġu twettiq b'mod effettiv. Dawn l-elementi huma:

***Kemm jista' jinkiseb:*** għan komuni tal-ECI huwa li jilħqu t-tfal kollha u l-familji li jkollhom ħtieġa ta' sostenn kemm jista' jkun kmieni. Din hija prijorità ġenerali fil-pajjiżi kollha biex ipattu għal differenzi reġjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kemm wieħed ikun jista' jikseb

dak li jkollu bżonn u fl-istess ħin biex jiggarantixxu li t-tfal u l-familji li japplikaw għall-għajnuna jkunu jistgħu jgawdu mill-kwalità tal-istess servizzi.

***Il-viċinanza:*** dan l-element l-ewwel jara li jassigura li servizzi ta' sostenn jilħqu lill-membri kollha tal-popolazzjoni fil-mira. Is-sostenn jingħata kemm jista' jkun qrib il-familji, fil-livell lokali u tal-kommunità. It-tieni, il-viċinanza tirrelata wkoll mal-idea li jiġu pprovduti servizzi li jkunu ffukati fuq il-familja. Fiċ-ċentru ta' kull azzjoni tingħata importanza li jkun fehim ċar ta' dak li qiegħed isir u r-rispett tal-ħtiġijiet tal-familja.

***Kemm jista' jiġi affordjat:*** is-servizzi jiġu offruti b'xejn u bi prezz minimu għall-familji. Is-servizzi huma pprovduti permezz ta' fondi pubbliċi minn awtoritajiet ta' saħħa, soċjali jew edukattivi, jew minn organizzazzjonijiet mhux-governattivi li jinkludu assoċjazzjonijiet li ma jagħmlux profitt. Dawn il-proviżjonijiet jistgħu jsiru bħala servizzi separat jew b'mod komplimentari.

***Ix-xogħol interdixxiplinarju:*** il-professjonisti li jkollhom f'idejhom is-sostenn dirett tat-tfal żgħar u l-familji tagħhom jappartjenu għal dixxiplini differenti (professjonijiet) u konsegwentement ikollhom ambjenti diversi skont is-servizz li jkunu relatati miegħu. Xogħol interdixxiplinarju jiffaċilita l-bdil ta' informazzjoni fost il-membri tat-tim.

***Diversità ta' servizzi***: dan is-servizz huwa marbut mad-diversità ta' dixxiplini involuti fl-ECI. L-involviment ta' tliet servizzi – saħħa, servizzi soċjali u edukazzjoni – hija karatteristika komuni f'ħafna pajjiżi, imma fl-istess ħin jikkostitwixxi wkoll wieħed mid-differenzi ewlenin.

Fuq il-bażi ta' dawn il-ħames elementi, l-esperti fl-ewwel proġett tal-Agency qablu fuq lista mhux kompluta ta' rakkomandazzjonijiet għal implimentazzjoni b'suċċess.

L-objettivi tal-aġġornament tal-proġett preżenti huma li jibnu fuq ir-riżultati-fil-mira u r-rakkomandazzjonijiet tal-analiżi tal-ewwel Agency. Il-proġett kurrenti għandu l-għan li jipprovdi dehra ġenerali dwar il-progress u t-tibdiliet ewlenin li saru fil-pajjiżi parteċipanti mis-sena 2004 f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħames elementi ewlenin imsemmija aktar 'il fuq.

Pajjiżi oħra li ġew involuti fl-aġġornament tal-progett fl-2009–2010 huma: L-Awstrija, il-Belġju (il-kommunità li titkellem bil-Franċiż),

Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija.

Għall-għan tal-aġġornament, biex wieħed jiġbor tagħrif fuq is-servizzi tal-ECI u l-proviżjoni fil-livell nazzjonali, tħejja dokument f'kooperazzjoni mal-esperti parteċipanti. L-għan tal-ewwel parti tad-dokument kien li tinġabar informazzjoni dwar is-servizzi nazzjonali tal-ECI u l-proviżjoni indirizzata lil tfal minn 0 sa massimu ta' 6 snin. Dil-parti ta' dan id-dokument tikkorrispondi mal-'life-line', li jippreżenta t-triq ġenerali li tifel/tifla jsegwi darba waħda jkollu bżonn intervent bikri mit-twelid sa 5/6 snin. Din tlestiet mill-parteċipanti tal-ewwel proġett tal-Agency fuq l-ECI.

It-tieni parti tad-dokument qajmet mistoqsijiet relatati mal-miżuri tal-policy eżistenti u l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll il-prattika eżistenzi relatati mal-ħames elementi-qofol ewlenin fil-qasam tal-ECI.

Dan ir-rapport jippreżenta taqsira tal-informazzjoni miġbura mill-esperti tal-proġett mir-rapporti tal-pajjiżi. Ir-rapporti tal-pajjiżi wieħed jista' jarahom mill-websajt tal-Agency li hija ddedikata għal dan il-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/early-childhood-intervention

L-I sezzjoni ta' dan ir-rapport tagħti fil-qosor il-progress u t-tibdil ewlieni li sar fil-pajjiżi parteċipanti fil-qasam tal-ECI u b'mod partikolari f'relazzjoni mal-ħames elementi ewlenin – kemm jista' jinkiseb; il-viċinanza; kemm jista' jiġi affordjat; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità – identifikati fil-qasam tal-ECI.

It-II sezzjoni tippreżenta s-sejbiet ewlenin u l-konklużjonijiet li jirriflettu r-riżultati fil-mira tar-rapporti tal-pajjiżi u d-diskussjonijiet tal-laqgħa dwar il-proġett, kif ukoll bħala numru ta' proposti u rakkomandazzjonijiet inidirizzati lil dawk li jagħmlu l-policy u l-professjonisti.

L-Anness jippreżenta dehra ġenerali tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-ECI u l-policies tal-pajjiżi parteċipanti.

# 1. TAQSIRA TAR-RAPPORTI TAL-PAJJIŻI

L-għan ta' din it-taqsima huwa li tipprovdi idea ġenerali dwar il-progress u t-tibdil ewlieni li sar fil-livell Ewropew sa mis-sena 2005 fil-qasam tal-ECI b'mod ġenerali u f'relazzjoni mal-ħames elementi ewlenin – kemm jista' jinkiseb; il-viċinanza; kemm jista' jkun affordjat; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità – li għandhom x'jaqsmu mal-mudell tal-ECI li kien propost fl-istudju tal-Agency tal-2005.

Id-definizzjoni u r-rakkomandazzjonijiet ta' kull wieħed mill-ħames elementi li kien hemm ftehim fuqhom fl-2005 qegħdin jiġu segwiti bi progress. It-tibdil ewlieni fl-aġġornament ta' dan ir-rapport sar fuq informazzjoni pprovduta mir-rapporti tal-pajjiżi.

L-eżempji tal-pajjiżi użati f'din it-taqsima huma mibnija wkoll fuq informazzjoni pprovduta fir-rapporti tal-pajjiżi. Informazzjoni aktar dettaljata dwar it-tipi u l-prevalenza tas-servizzi pprovduti f'kull pajjiż, kif ukoll dwar l-eżempji tal-pajjiżi speċifiċi li saret referenza għalihom fir-rapporti tal-pajjiżi jistgħu jinstabu fil-web area tal-Agency għall-proġett: http://www.european-agency.org/agency-projects/early-childhood-intervention

Fis-sezzjonijiet li ġejjin, se tiġi ppreżentata informazzjoni fuq aspetti differenti ta' progress u t-tibdiliet ewlenin.

## 1.1 Il-Progress u t-tibdil ewlieni dwar kemm wieħed jista' jikseb is-sostenn meħtieġ

Għan komuni tal-ECI huwa li wieħed jilħaq lit-tfal u lill-familji kollha li jkollhom bżonn ta' sostenn kemm jista' jkun kmieni. Fl-2005 kien hemm tliet tipi ta' rakkomandazzjonijiet li permezz tagħhom wieħed seta' jassigura dan:

a) Miżuri ta' policy fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex jiggarantixxu l-ECI bħala dritt għat-tfal u l-ġenituri li jkollhom xi tip ta' ħtieġa.

b) Id-disponibiltà ta' informazzjoni estensiva, ċara u preċiża hekk kif tkun meħtieġa, offruta fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, indirizzata lill-familji u lill-professjonisti.

ċ) Definizzjoni ċara tal-gruppi fil-mira, biex min jagħmel il-policy jiddeċiedi, f'kooperazzjoni ma' professjonisti, fuq kriterja ta' eliġibiltà ta' ECI.

### *1.1.1. Żviluppi ta' miżuri ta' policy*

Miżuri ta' policy, riforma u arranġamenti fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali biex isostnu l-iżvilupp ta' servizzi ta' ECI għal tfal sa 5/6 snin u l-familji tagħhom ġew żviluppati jew ilhom fil-proċess li jiġu żviluppati sa mill-2005, meta l-informazzjoni kienet miġbura l-aħħar mill-proġett tal-Agency madwar l-Ewropa. (L-Anness jippreżenta dehra tal-leġiżlazzjoni u l-policies fil-pajjiżi parteċipanti relevanti għall-ECI.)

Minkejja d-differenzi relatati mal-kuntest nazzjonali skont ir-rapporti tal-pajjiżi, l-inizjattivi kollha tal-policy impliċimentament jew espliċitament jiggarantixxu l-ECI bħala dritt għat-tfal u l-familji tagħhom li jkollhom ħtieġa. Huma integrali għal inizjattivi ta' policy aktar wiesgħa għall-benefiċċju tat-tfal u l-familji tagħhom.

Fl-Ewropa, l-inizjattivi ta' policy, il-miżuri u l-prattika fi ħdan it-tliet setturi – tas-saħħa, soċjali u edukattivi – ikomplu jkunu direttament jew indirettament involuti fil-proċess tal-ECI. Konsegwentement, ir-responsabiltà għall-iżvilupp tal-policy tal-ECI hija maqsuma bejn it-tliet ministeri kkonċernati – il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Għajnuna Soċjali u l-Ministeru tal-Edukazzjoni (jew l-ekwivalenti tagħhom f'pajjiżi differenti). Liema waħda mit-tliet setturi, fil-fażijiet differenti tal-proċess tal-ECI, hija parzjalment jew kompletament responsabbli biex tipprovdi sostenn u servizz għat-tfal li jkollhom ħtieġa u l-familji tagħhom, jiddependi fuq ħafna fatturi. Dawn il-fatturi jinkludu l-ħtiġijiet kurrenti tat-tifel/tifla u l-familja, l-età tat-tifel/tifla, id-disponibiltà tas-sostenn meħtieġ, kif ukoll arranġamenti statutorji differenti għall-proviżjoni ta' servizzi ta' tfulija bikrija permezz tal-ministeri fil-pajjiżi differenti li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-proġett.

Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-policies u l-prattika fit-tliet setturi involuti u l-livelli differenti tat-teħid tad-deċiżjoni (lokali, reġjonali, nazzjonali) huma meqjusa mill-pajjiżi kollha bħala li huma ta' importanza kbira għas-suċċess u l-effiċjenza tal-proċess tal-ECI. Ħafna inizjattivi ta' policy, li għandhom l-għan li jilħqu servizz koordinat aħjar ta' twassil għall-familji u t-tfal qegħdin jittieħdu fuq il-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. (Informazzjoni dwar il-koordinazzjoni tas-setturi u s-servizzi involuti jistgħu jinkisbu mis-sezzjonijiet 1.5 u 2.2.5.)

### *1.1.2. Disponibiltà ta' informazzjoni indirizzata għal familji u professjonisti*

Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, l-informazzjoni dwar is-servizzi u l-proviżjoni hija pprovduta lill-familji permezz ta' ħidma flimkien mas-servizzi tas-saħħa, soċjali u edukattivi, kampanji ta' informazzjoni, websajts ta' proviżuri ta' servizz, flyers u posters, il-gruppi ta' ħidma u l-konferenzi tal-organizzazzjoni, eċċ.

Dwar kemm familji għandhom aċċess għal informazzjoni wiesgħa, ċara u preċiża, esperti tal-proġett jissuġġerixxu li fis-soċjetà tal-lum ħafna drabi ssib ammont kbir ta' informazzjoni mis-setturi kollha tas-servizz. Fir-rapport Svediż, jingħad ċar u tond li l-problema għall-ġenituri ħafna drabi mhux kemm wieħed jista' jikseb informazzjoni, imma l-possibiltà li wieħed isib informazzjoni speċifika li hija relevanti u ta' ħtieġa skont il-ħtiġijiet tat-tifel/tifla u l-familja. B'mod partikolari, skont ir-rapport Svediż, aċċess għall-informazzjoni neċessarja għadha sfida għall-familji fil-faqar, bi sfond ta' immigrant jew li jgħixu f'reġjuni iżolati.

B'relazzjoni mal-proviżjoni ta' sostenn ta' qabel it-twelid għall-familji, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, il-pajjiżi kollha joffru s-sotenn ta' qabel it-twelid u l-iggwidar lill-familji. Is-servizzi tal-maternità fir-rigward ta' saħħa huma offruti lill-ġenituri kollha li jkunu qegħdin jistennew li se jkollhom tarbija. Fost dawn is-servizzi nsibu eżami fiżiku regolari għall-ommijiet meta jkunu tqal, kif ukoll il-proviżjoni ta' informazzjoni u t-tħejjija biex iwelldu.

Fl-aħħar, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, fil-pajjiżi kollha li se jipparteċipaw, is-servizzi tal-kura tas-saħħa jieħdu inkonsiderazzjoni l-importanza tal-ewwel sena tat-tifel/tifla biex jaraw jekk ikunx hemm xi ħwejjeġ li t-tarbija ddum ma tagħmel u diffikultajiet oħra. Ikun hemm ukoll enfasi fuq is-sorveljanza medika regolari u l-immunizzazzjoni fl-ewwel sena tal-ħajja tat-tarbija. Isir ħafna ċċekkjar għas-superviżjoni fiżika u ta' żvilupp, kif ukoll għall-vaċċinazzjoni.

### *1.1.3. Definizzjoni tal-gruppi fil-mira*

Ir-rapporti tal-pajjiżi jindikaw li t-tendenza fl-Ewropa hija li l-ECI ssostni l-ħtiġijiet tat-tfal f'riskju. Tfal bi ħtiġijiet speċjali u l-familji tagħhom huma asessjati u sostnuti b'servizzi mill-qasam lokali li fih l-familja tgħix. Il-kriterji tal-eliġibiltà relatati mat-tipi partikolari tad-diżabiltà jew kundizzjonijiet huma determinati fil-livell nazzjonali, federali/reġjonali jew lokali.

L-Olanda, il-policies – tas-saħħa, soċjali u edukattivi – għandhom kriterji ċari biex jidentifikaw u jikklassifikaw it-tfal li jkollhom bżonn ta' ħtiġijiet. Madanakollu, insibu wkoll eċċezzjonijiet. Dawn jkollhom x'jaqsmu ma' każijiet kumplessi. Pereżempju, meta jkun hemm għadd ta' problemi f'familja (eż. ambjent soċjali diffiċli, ħtiġijiet speċjali ta' ġenituri, problemi ta' lingwa, diffikultajiet psikoloġiċi, familji abużivi), ikun diffiċli biex wieħed jassessja l-kawżi primarji u sekondarji għal aspetti ta' żvilupp, għax fatturi li jkollhom x'jaqsmu mat-tfal u fatturi ambjentali huwa diffiċli li wieħed jisseparahom.

Il-Lussemburgu, fi ħdan il-lingwa li tiffoka fuq 'għajnuna lit-tfal u lill-familji', qegħdin jiġu definiti kriterji ċari. Barra minn hekk, il-proċeduri formali ta' kollaborazzjoni stabbiliti bejn il-familji, l-organizzazzjonijiet mhux-governattivi (NGOs), il-proġett ta' intervent tal-koordinaturi u l-proviżuri tas-servizz, għandhom jassiguraw li t-tfal u l-familji jkollhom aċċess għal servizzi ta' sostenn adekwat.

Meta wieħed iħares lejn ir-rapporti tal-pajjiżi, jidher li għad hemm sfida dwar kif wieħed jista' jispeċifika b'mod ċar il-kriterji għall-eliġibiltà għas-servizzi u l-garanzija ta' aċċess għall-familji għal riżorsi adekwati u sostenn. Ximindaqqiet nuqqas ta' staff ikkwalifikat, kif ukoll nuqqas ta' għerf u definizzjonijiet ċari tal-ħtiġijiet, jirriżultaw f'varjazzjoni kbira fil-proviżjoni ta' għajnuna għal matul il-jum u sostenn bejn reġjunijiet differenti fl-istess pajjiż.

Fl-Awstrija, ngħidu aħna, il-kriterji biex wieħed jidentifika meta tifel ikun diżabbli jew f'riskju ta' diżabiltà tista' tkun differenti fost ir-reġjunijiet tal-pajjiż.

Il-Polonja, it-tfal jiġu offruti sostenn biss f'relazzjoni mad-dijanjożi medika primarja u mhux neċessarjament għall-iżviluppi speċjali jew ħtiġijiet edukattivi.

Fis-Slovenja, il-gruppi fil-mira mhumiex definiti b'mod ċar u s-sostenn offrut lill-familji huwa perċeput bħala li huwa inadekwat.

Fil-Portugal, il-grupp fil-mira tal-ECI huma tfal minn 0 sa 6 snin b'diżabilitajiet li jillimitaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet tipikament assoċjati mal-età u l-kuntesti soċjali, jew li hum f'riskju ta' dewmien fl-iżvilupp.

Fl-Irlanda, l-Att tad-Diżabiltà tal-2005 jipprovdi għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet relatati mad-diżabiltà għal tfal taħt il-ħames snin u tipprovdi servizzi li jindirizzaw dawk il-ħtiġijiet skont ir-riżorsi li jkun

hemm. L-Att tal-2004 dwar l-Edukazzjoni għal Persuni bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali, li għadha mhijiex qiegħda taħdem kollha kemm hi, tipprovdi għall-identifikazzjoni u l-proviżjoni għal tfal tal-età tal-iskola.

Fil-Greċja, insibu ħafna istituzzjonijiet, ċentri privati għal terapija speċjali u assoċjazzjonijiet ta' ġenituri u edukaturi speċjali (NGOs) li jiżviluppaw u japplikaw programmi għal intervent bikri jew fuq l-inizjattiva tagħhom jew f'kollaborazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa u l-Edukazzjoni. Ilkoll jiffukaw fuq tfal b'diżabilitajiet minn 0 sa 7 snin. Dawn il-programmi huma offruti d-dar u jiffukaw fuq:

a) l-assessjar possibilment l-aktar bikri tad-diżabiltà u b) is-sostenn u l-iggwidar tal-ġenituri.

Mal-Ewropa kollha wieħed isib mekkaniżmi biex jidentifikaw u jilħqu tfal żgħar b'diżabiltajiet jew f'riskju għoli, imma li jvarjaw minn post għal ieħor. Xi wħud jistgħu jintqiesu bħala aktar żviluppati minn oħrajn.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra), ngħidu aħna, programm ta' skrinjar nazzjonali sħiħ qiegħed jitħaddem u l-protokolli tax-xogħol u l-prattiċi li nsibu fost ħafna servizzi oħra biex jippruvaw jassiguraw li t-tfal u l-familji li jinħtieġu servizzi ta' ECI huma identifikati fi żmien bikri u rreferuti minnufih għal aktar investigazzjoni. It-tfal xi mindaqqiet huma identifikati fl-ewwel ġranet tal-ħajja permezz tal-maternità, l-isptar jew is-servizzi tal-klinika fil-lokal tagħhom. Viżitaturi tas-Saħħa, li jkollhom rwol partikolari, ibbażat fuq il-komunità fil-monitoraġġ tas-saħħa u l-iżvilupp tat-tfal fl-ewwel sentejn tal-ħajja, ħafna drabi jirreferu t-tfal għall-assessjar, wara diskussjonijiet mal-ġenituri. Aktar ma tifel/tifla jkun kbir, aktar ikun hemm iċ-ċans li jiġi rreferut għal servizzi ta' ECI mill-istaff, hekk meqjus bħala 'mainstream' li jkunu jaħdmu fis-snin bikrija u l-isfond tat-tħaris tat-trabi.

L-Islanda, l-isptarijiet u ċ-ċentri tat-tħaris tas-saħħa jirreferu għaċ-Ċentru tal-Counselling u d-Dijanjożi tal-Istat, iċ-Ċentru tal-Għomja, jew iċ-Ċentru tat-Torox u dawk b'xi diżabiltà fis-smigħ, għal eżami aktar mill-qrib jekk ikun hemm suspett ta' żvilupp serju ta' diżordni. Iċ-Ċentru tal-Counselling u tad-Dijanjożi tal-Istat jinforma l-Bord Reġjonali ta' dawk l-aspetti relatati ma' nies b'diżabiltà dwar il-familja. Il-Pre-schools, f'kooperazzjoni mal-ġenituri u bil-kunsens tagħhom, jirreferu għaċ-Ċentru Pedagoġiku Psikoloġiku lokali jekk is-suspett tal-iżvilupp tad-diżordni tqum fil-fażi tal-pre-school. Iċ-Ċentru

Pedagoġiku Psikoloġiku lokali li jagħti l-pariri jirreferi għaċ-Ċentru tal-Counselling u d-Dijanjożi tal-Istat jew l-Unità Psikjatrika tat-Tfal u l-Adolexxenti. Programm ta' skrinjar nazzjonali jsir għat-tfal kollha li jkollhom 2.5 sena u għal darb'oħra meta jkollhom 4 snin fiċ-ċentri tal-kura tas-saħħa lokali.

F'Malta, l-Unità tal-Assessjar u l-Iżvilupp tat-Tfal (CDAU) toffri assessjar multidixxiplinarju u mediku kif ukoll terapija għat-tfal kollha riferuti mit-twelid sa 6 snin. Dawk li jiġu referuti għal din l-unità jiġu minn kliniċi tat-trabi, tobba tal-familja u terapisti tat-taħdit li bħala regola jkunu l-ewwel terapisti li jaħdmu mat-tfal sa mill-età ta' sentejn jekk ikun ittardjar fil-ksib tat-taħdit. Is-CDAU huwa marbut mal-edukazzjoni permezz ta' edukaturi fit-tfulija bikrija li huma pprovduti mid-Direttorat għas-servizzi edukattivi (DES). Dawn l-għalliema jżuru l-familji kollha li jkunu referuti għall-unità u jaħdmu mat-tfal u l-ġenituri biex jassiguraw il-ksib tal-ħiliet bażiċi fl-ewwel snin qabel jidħlu fl-edukazzjoni formali.

F'xi pajjiżi, prijorità għall-aċċessibiltà għas-servizzi ta' ECI tingħata lill-familji u tfal li jkunu f'riskju għoli. Il-Latvja, pereżempju, il-prijorità tingħata lill-familji u lit-tfal li jkunu f'riskju ogħla (ħtiġijiet speċjali, riskji soċjali jew dħul baxx, eċċ.). Xi wħud minn dawn il-gruppi f'riskju huma definiti mill-istat, imma xi gruppi ta' prijorità huma ssettjati mill-gvernijiet lokali dipendenti miċ-ċirkustanzi speċifiċi u l-prijoritajiet lokali.

Fil-Ġermanja (il-Bavarja), Ċentru Nazzjonali għal Għajnuna Bikrija (Nationales Zentrum Frühe Hilfen) kien stabbilit fl-2007 bil-għan li tiżviluppa sistema biex tagħraf tfal li jkunu f'riskju kemm jista' jkun malajr u biex issostni lill-familji, biex issaħħaħ l-innettwerkjar bejn istituzzjonijiet differenti mediċi, edukattivi u soċjali fis-snin bikrin u r-riċerka ta' sostenn fl-ECI.

Fil-Greċja, il-programm Amimoni żviluppat mill-Assoċjazzjoni Panahellenika tal-Ġenituri jindirizza tfal f'diżabiltajiet fil-vista, filwaqt li l-programm Polichni huwa għal tfal minn 0–7 snin b'diżabiltajiet multipiliċi. It-tul tal-programm jiddependi fuq il-ħtiġijiet individwali tat-tifel/tifla f'relazzjoni mal-ħiliet tiegħu/tagħha. Il-ġenituri huma mistennija li jipparteċipaw b'mod attiv biex japplikaw il-metodoloġija u biex jimxu fuq il-passi tal-effettività tagħha.

Fir-rapport tal-pajjiż Franċiż, stħarriġ li sar fi Franza wera li ġew osservati li ċerti numri ta' familji mill-aktar sotto-privileġġjati

għandhom iċ-ċans li jużaw is-sistema u anke jippruvaw li 'jaħarbu' sistema li tidher bħala li hija stigmatizzanti u li twassal biex wieħed iħossu ħati. Jidher li hemm paradoss fejn il-familji li l-aktar jinħtieġu s-sistema l-inqas li jużaw is-sistema.

Meta wieħed jagħti każ l-progress li sar u l-isfidi mġarrba, il-proġett tal-esperti wera li d-definizzjoni ta' kriterji ċari ta' identifikazzjoni u l-proviżjoni ta' servizzi li l-professjonisti għandhom bejniethom fis-setturi varji involuti fihom jistgħu jikkostitwixxu bażi effettiva għal titjib fi proviżjoni ta' sostenn għal tfal u familji.

## 1.2 Progress u sfidi ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma' viċinanza

Dan l-element l-ewwel ma jagħmel huwa li jara li jassigura li l-popolazzjoni fil-mira tintlaħaq u s-sostenn jingħata kemm jista' jkun fil-qrib tal-familja, kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell ta' komunità. It-tieni, il-viċinanza hija wkoll marbuta mal-idea li tipprovdi servizzi ffukati għall-familja. Fiċ-ċentru ta' kull azzjoni jrid ikun hemm għarfien u rispett għall-ħtiġijiet tal-familja. Għal dan il-għan fl-2005 ġew irrakkomandati żewġ tipi ta' rakkomandazzjonijiet bil-għan li jiggarantixxu dawn il-ħwejjeġ.

a) Id-deċentralizzazzjoni tas-servizzi u l-proviżjonijiet tal-ECI biex jiġi ffaċilitat għarfien aħjar tal-ambjenti soċjali tal-familji u biex tiġi assigurata l-istess kwalità ta' servizzi minkejja d-differenzi ġeografiċi u jiġu evitati d-dupplikar ta' xogħol u l-mixi f'direzzjonijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu.

b) Jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-familji u t-tfal biex b'hekk il-familji jiġu informati tajjeb, jaqsmu mal-professjonisti fehim tat-tifsira u l-benefiċċji tal-intervent irrakkomandat u jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet u t-twettiq tal-pjan tal-ECI.

### *1.2.1 Id-deċentralizzazzjoni tas-servizzi*

L-organizzazzjoni u l-istruttura tas-servizzi tal-ECI jvarjaw mal-Ewropa kollha u jistgħu jidhru bħala li huma fil-linja mal-approċji ċentralizzati jew deċentralizzati għas-sistema amministrattiva ta' pajjiżi differenti Ewropej. F'xi pajjiżi bħall-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Fillandaja, il-Ġermanja, l-Islanda, l-Olanda, in-Norveġja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera u r-Renju Unit (l-Ingilterra), is-servizzi tal-ECi huma fil-biċċa l-kbira tagħhom mibnija fuq mudelli federali/reġjonali u/jew lokalment deċentralizzati.

F'pajjiżi oħra, bħall-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u r-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq), kumbinazzjoni ta' sistemi ċentralizzati u deċentralizzati hija applikata ma' distribuzzjoni ta' responsabiltajiet relevanti u attivitajiet fost il-livelli. Jidher minn rapporti ta' pajjiżi li minkejja d-differenzi, it-tendenza komuni fl-Ewropa hi li s-servizzi tal-ECI huma lokalizzati u mgħoddija kemm jista' jkun qrib lejn it-tifel/tifla u l-familja. Skont ir-rapport Svediż, il-muniċipalitajiet għandhom kundizzjonijiet favorevoli biex isiru l-attivitajiet għaliex huma f'kuntatt mill-qrib kemm mat-tfal kif ukoll mal-ġenituri u huma konxji tal-ambjent soċjali tal-familji.

Il-viċinanza tal-proviżjoni tas-servizzi hija meqjusa bħala importanti, u tagħti każ li soċjetajiet moderni huma multikulturali u li t-tfal iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom f'ambjenti u faċilitajiet ta' ħarsien għal matul il-jum u żmien il-pre-school.

Għalkemm it-tendenza fil-miżuri tal-policy hija li jiġi assigurat aċċess għas-servizzi tal-ECI għaċ-ċittadini kollha, fil-prattika, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, għad hemm differenzi bejn ir-reġjunijiet u bejn l-ambjenti urbani u rurali. Fl-istess pajjiż, is-servizzi ECI jistgħu jiġu żviluppati u kkoordinati aħjar f'xi ambjenti minn oħrajn. Is-servizzi huma strutturati f'modi differenti f'pajjiżi differenti, parzjalment bħala tweġiba għall-fatturi demografiċi lokali. Fi bliet kbar, hemm aktar servizzi ta' ECI bi staff aħjar u aktar ikkwalifikat, filwaqt li f'ambjenti rurali u iżolati hemm inqas servizzi u nuqqas ta' staff ikkwalifikat.

Fl-Isvizzera pereżempju, insibu differenzi fis-servizzi tal-ECI bejn il-Cantons u fil-Germanja bejn il-Bundesländer, minħabba l-proċeduri finanzjarji differenti fost ħwejjeġ oħra. Huwa importanti wkoll li wieħed isemmi li fl-Isvizzera, fl-ibliet kif ukoll f'ambjenti rurali, hemm servizzi tal-ECI li jipprattikaw t-terapija fid-dar bħala x-xogħol ewlieni u jipprovdu l-istess kwalità ta' proviżjoni liċ-ċittadini kollha.

Fil-Litwanja, il-kwalità tas-servizzi tiddependi fuq l-lokazzjoni ġeografika; hemm nuqqas ta' servizzi f'ambjenti rurali.

Fil-Portugal, il-liġi 2009 dwar l-ECI tipprovdi għat-territorju nazzjonali u s-servizzi huma lokalizzati u operati kemm jista' jkun qrib it-tifel/tifla u l-familja. Il-kwalità tas-servizzi tiddependi fuq għadd ta' fatturi, li huma d-disponibiltà ta' rizorsi speċjalizzati f'xi naħiet tal-pajjiż u l-expertise tal-professjonisti involuti.

F'Ċipru, is-servizzi tal-ECI (għad-dijanjożi, l-assessjar, il-kura pedjatrika speċjalizzata u l-ġenetika klinika) u ċentri li jipprovdu

intervent (terapiji, kura u edukazzjoni) huma fil-biċċa l-kbira tagħhom lokalizzati aħjar fil-kapitali u l-ibliet il-kbar.

Fil-Greċja, barra s-servizzi ċentrali, il-biċċa l-kbira pubbliċi, hemm ċentri xjentifiċi, organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ jew mhux tal-gvern bħall-unità dijanjostika u terapewtika għal tfal 'Spyros Doxiadis' ibbażata f'Ateni. Il-membri tagħha – tobba u edukaturi – għandhom l-għan li jikkontribwixxu klinikament u teoretikemant għas-saħħa psikoloġika u ta' żvilupp u biex jipprovdu l-ogħla kwalità dijanjostika u terapewtika li wieħed jista' jkollu bżonn, mingħajr esklużjoni soċjali jew finanzjarja.

Saru sforzi f'xi pajjiżi biex wieħed jara li jiġu evitati, jew jingħata kumpens fil-każ ta' proviżjoni ta' servizzi mhux ugwali. Fil-Fillandja, pereżempju, is-sistema hija organizzata biex toffri servizzi kemm jista' jkun qrib id-dar. F'ambjenti rurali d-distanzi jistgħu jkunu konsiderevoli. Madankollu, is-sistema ta' sigurtà nazzjonali, li hija tal-gvern u li titħallas mid-dħul tat-taxxi, tikkompensa għall-ispejjeż mediċi u tal-ivvjaġġar mingħajr miżati żejda għall-familji.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq), il-proġett ECI 'Sure Start' għandu l-mira li jikkumpensa għall-isvantaġġjar soċjali billi jikkonċentra fuq ambjenti ġeografiċi meqjusa bħala li huma soċjalment svantaġġjati ħafna.

Minkejja l-isforzi kollha li saru, l-esperti tal-proġett qalu li l-progress u t-titjib għad iridu jintlaħqu biex jagħtu saħħa vera u proprja lis-servizzi pubbliċi tat-tfulija u jassiguraw l-istess kwalità ta' proviżjoni ta' servizz fuq livell nazzjonali, minkejja d-differenzi ġeografiċi.

### *1.2.2 Nilħqu l-ħtiġijiet tal-familji*

Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, waħda mill-problemi tal-miżuri tal-policy tal-ECI madwar l-Ewropa hija li din tipprovdi servizzi ffukati fuq il-familji b'għarfien sħiħ u rispett għall-fatt li l-ħtiġijiet tal-familji huma fiċ-ċentru ta' kull azzjoni relevanti li tittieħed. Inizjattivi ta' policy differenti, programmi nazzjonali, reġjonali jew lokali u linji ta' gwida għandhom l-għan li jindirizzaw l-aspetti ta' informazzjoni ċara u adekwata għall-ġenituri kemm jista' jkun kmieni u hekk kif il-ħtieġa tiġi identifikata, tippromwovi sħubija mal-ġenituri waqt il-proċess tal-ECI u tinvolvihom fl-iżvilupp u t-twettiq tal-pjan tal-ECI. Barra minnhekk, numru ta' korsijiet ta' tħarriġ jiġu offruti lill-ġenituri tat-tifel/tifla b'diżabiltà jew tifel/tifla li jkun f'riskju.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra), pereżempju, Early Support, il-programm nazzjonali ta' twettiq iħeġġeġ l-iżvilupp ta' servizzi ta' ECI, attivament jippromwovi s-sħubija billi jaħdem mal-familja permezz ta' laqgħat magħrufa bħala 'team around the child (TAC)' mal-familji b'mod regulari. Dawn huma ddisinjati biex iżommu lill-ġenituri fil-qofol tad-diskussjoni u t-teħid tad-deċiżjoni dwar it-tifel/tifla. Il-programm jinkoraġġixxi wkoll użu ta' rutina ta' format standard ta' *Family Service Plan*, li huwa ekwivalenti għall-Pjan ECI.

Fl-Irlanda, ġenituri u familji jistgħu jiġu pprovduti b'taħriġ mill-proviżuri tas-servizzi tal-ECI biex jifhmu jew jimmaniġjaw id-diżabiltà speċifika jew il-ħtieġa edukattiva speċjali tat-tifel/tifla b'diżabiltà. Insibu varjetà ta' programi ta' taħriġ li jiġu offruti lill-ġenituri f'ħafna servizzi.

Fin-Norveġja, Pjan Individwali (IP) huwa żviluppat u grupp responsabbli huwa stabbilit. Il-ġenituri huma membri tal-grupp responsabbli. Kull familja hija assenjata persuna ta' kuntatt li jkun responsabbli għall-informazzjoni u l-koordinazzjoni kollha tax-xogħol interdixxiplinarju madwar it-tifel/tifla. Il-familja tirċievi gwida meta jkun hemm bżonn.

Fl-Estonja, it-tfal u l-ġenituri tagħhom għandhom counsellors ewlenin li jassistuhom fit-tħejjija u t-twettiq tal-pjanijiet ta' rijabilitazzjoni u pjanijiet individwali ta' żvilupp. Kważi nofs il-ġenituri jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-pjan ta' intervent fit-tfulija bikrija u t-twettiq tagħha. Biex tiġi assigurata d-disponibiltà tal-counselling pedagoġiku u psikoġiku, il-programm nazzjonali tal-Fund Soċjali Ewropew *Niżviluppaw Sistema ta' Counselling Edukattiv* kien implimentat sa mis-sena 2008 bil-għan li jiġi assigurat intervent fit-tfulija bikrija fir-reġjunijiet kollha, u titjieb is-sistema tal-counselling u magħha t-taħriġ tal-proviżuri tas-servizz. Iċ-ċentri tal-counselling stabbiliti bħala riżultat tal-programm jintużaw biex itejbu l-kollaborazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-aspetti soċjali u l-kura tas-saħħa. Fl-istess ħin jidentifikaw il-ħtiġijiet partikolari tat-tfal bi ħtiġijiet speċjali u l-familji tagħhom u jipprovdulhom sostenn. Il-ġenituri kienu edukati f'istituzzjonijiet ta' tħaris tat-tfal fil-pre-school dwar dawn is-suġġetti: is-saħħa u n-nutrizzjoni, il-problemi ta' mġiba tat-tfal, il-psikoloġija tat-tfal, l-iżvilupp tat-tfal, it-tagħlim tat-tfal, is-sigurtà, l-ewwel għajnuna, it-tħejjija għall-iskola, il-ħtiġijiet speċjali, is-servizzi ta' sostenn, l-adattazzjoni għall-ambjent tal-kindergarten.

Fil-Portugal, il-liġi tal-2009 dwar l-ECI tgħid li l-pjan tal-ECI għandu jiggwida lill-familji individwali. Il-familji għandhom jagħmlu dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tal-intervent.

Fil-Ġermanja (Il-Bavarja), kważi 50% tal-intervent tat-tfal huwa fl-ambjent tad-dar: dan jagħti lill-ġenituri l-opportunità li jikkomunikaw b'mod faċli mal-esperti u jagħmlu kwalunkwe mistoqsijiet li jista' jkollhom – f'ħafna każi l-ġenituri jistgħu wkoll jiksbu kwalunkwe tip ta' informazzjoni meta jipparteċipaw f'sessjonijiet iffukati fuq it-tfal fiċ-ċentri tal-ECI.

Fil-linja ma' rapporti tal-pajjiżi, forom differenti ta' informazzjoni b'xejn – bħal kampanji, programmi tal-medja, kotba żgħar, on-line, konferenzi, workshops, eċċ. – huma indirizzati lill-ġenituri. Dawn huma fil-biċċa l-kbira offruti mis-servizzi tas-saħħa, edukattivi u soċjali kif ukoll minn organizzazzjonijiet volontarji. Ir-rwol huwa li jinfurmaw lill-ġenituri dwar is-servizzi differenti tal-ECI, kif inhuma organizzati, xi drittijiet għandhom il-familji u biex jassiguraw li d-diżabiltajiet mhumiex aktar inviżibbli jew meqjusa bħala taboo.

Madanakollu, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, anke jekk l-informazzjoni hija bħalissa aċċessibbli madwar l-Ewropa, il-familji jista' jkollhom jaffaċċjaw id-diffikultà li jsibu l-persuna ta' kuntatt it-tajba, jassessjaw l-għażliet li jkun hemm u jieħdu deċiżjonijet dwar l-aħjar sostenn għat-tifel/tifla tagħhom.

Biex wieħed jirbaħ l-isfida ta' 'wisq informazzjoni żejda' u 'wisq servizzi u għażliet' li jiġu offruti lill-ġenituri – barra l-fatt li xi ġenituri jkollhom jikkoordinaw is-servizzi huma nfushom – skemi differenti ta' koordinazzjoni jiġu implimentati mal-Ewropa, bil-għan li jikkompilaw l-informazzjoni u s-servizzi relevanti. Eżempji tajbin jinkludu s-Servizz Koordinanti għall-Intervent Bikri f'Ċipru 'Flimkien sa mill-Bidu' u l-Programm ta' Sostenn Bikri fir-Renju Unit (l-Ingilterra).

L-għan tal-iskemi tal-koordinazzjoni huwa li jipprovdi koordinatur tal-ECI għal tfal li jkolhom ħtieġa u l-familji tagħhom. Il-koordinatur tal-ECI jaħdem fi sħubija magħhom, jikkoordina l-proviżjoni tas-servizz u jaħdem bħala punt ta' referenza ċar għall-familji.

Fil-Lussemburgu, il-liġi l-ġdida fuq l-edukazzjoni tal-iskola u l-liġi fuq 'Għajnuna għal Tfal u Familji', jintroduċu koordinaturi ta' servizzi li jkollhom f'idejhom il-koordinazzjoni orizzontali u vertikali tas-servizzi għal u madwar it-tifel/tifla u l-familja. Fil-liġi fuq 'Għin lit-Tfal u lill-Familji', il-koordinazzjoni tas-servizz ikun xogħol fih innifsu

(koordinaturi tal-proġett tal-intervent) li jsir taħt ċerti kundizzjonijiet ta' esperjenza professjonali u taħriġ fuq livell ta' staff u organizzazzjoni fuq il-livell strutturali u ta' proċess.

Fid-Danimarka, il-ħtiġijiet legali jagħtu l-importanza lill-involviment u l-kunsens tal-ġenituri. Pereżempju, il-kunsens tal-ġenituri huwa meħtieġ qabel it-tifel/tifla ikun assessjat f'servizz li jagħti parir f'kuntest edukattiv-psikoloġiku.

## 1.3 Progress u tibdil ewlieni fir-rigward ta' kemm wieħed jaffordja

Il-proviżjoni u s-servizzi tal-ECI jilħqu lill-familji kollha u lit-tfal li jkollhom il-ħtieġa tas-sostenn minkejja l-ambjenti soċjo-ekonomiċi differenti tagħhom. L-għan tar-rakkomandazzjoni tal-2005 hu li jassigura li servizzi bla ħlas u proviżjoni jkunu disponibbli għall-familji. Dan jimplika li l-fondi pubbliċi jkopru l-ispejjeż kollha relatati mas-servizzi tal-ECI li huma pprovduti permezz tas-servizzi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt eċċ. B'dan il-mod jintlaħqu l-istandards nazzjonali ta' kwalità li jkunu meħtieġa.

### *1.3.1 Għoti ta' fondi għas-servizzi tal-ECI*

L-inizjattivi u l-miżuri ta' policy madwar l-Ewropa jgħidu b'mod ċar li s-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI huma indirizzati lejn it-tfal u l-familji kollha li jkollhom ħtieġa, indipendentement mill-ambjent soċjo-ekonomiku tagħhom.

Skont ir-rapporti tal-pajjiż, fil-pajjiżi parteċipanti kollha s-servizzi tal-ECI huma minn fondi pubbliċi u bħala regola l-familji ma jħallsux. F'xi każijiet żgħar il-familji jkollhom jagħmlu xi tip ta' kontribuzzjoni żgħira.

Fl-Awstrija, pereżempju, il-biċċa l-kbira tal-provinċji jipprovdu servizzi tal-ECI b'xejn, għalkemm f'xi provinċji, il-ġenituri jkollhom jikkontribwixxu bejn wieħed u ieħor bejn sitt ewro sa 12-il ewro kull servizz.

Fl-Irlanda, it-tfal taħt l-età ta' ħames snin ma jiġux iċċarġjati għall-eżami tas-saħħa u s-servizzi tat-trattament ipprovduti mill-Eżekuttiv tas-Servizz tas-Saħħa. L-assessjar li jsir biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet minħabba xi diżabiltà taħt l-Att tad-Diżabiltà tal-2005 jsiru indipendentement mill-ispiża jew il-kapaċità li wieħed jipprovdi kwalunkwe servizz identifikat fl-assessjar.

Fil-Belġju (il-kommunità li titkellem bil-Franċiż), is-servizzi tal-ECI jitħallew jistaqsu lill-familji għal għotja ta' massimu ta' 30 ewro kull xahar – għalkemm jekk il-familja ma tkunx tista' tħallas, is-servizzi xorta waħda jridu jibqgħu jiġu pprovduti.

Il-fondi pubbliċi għas-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI bħala regola tiġi mill-gvern ċentrali u/jew il-fond federali/reġjonali u/jew il-fondi lokali. Fil-biċċa l-kbira tal-każi l-fondi tal-ECI tkun kumbinazzjoni tat-tliet livelli amministrattivi msemmija aktar 'il fuq, skemi ta' sigurtà ta' assigurazzjoni u ġbir ta' fondi minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux profitt. Id-deċiżjonijiet bħala regola jittieħdu fil-livell lokali fuq kif se jintużaw il-fondi u għalhekk kemm jintużaw għas-servizzi tal-ECI.

Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, il-biċċa l-kbira tas-servizzi tal-ECI huma provduti mis-servizzi pubbliċi (eż. is-servizzi għas-saħħa, is-servizzi soċjali, il-postijiet tall-ħarsien ta' matul il-jum u tal-pre-school.) F'xi ambjenti, NGOs u organizzazzjonijiet volontarji jingħataw kuntratt jew jiġu kkummissjonati mill-awtoritajiet lokali u/jew tas-servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi biex jipprovdu xi aspetti ta' servizz tal-ECI.

Barra minn hekk, xi NGOs u/jew ċentri indipendenti b'interess f'kundizzjonijiet partikolari (eż. Down's syndrome, nuqqas ta' smigħ, fid-diffikultajiet fit-taħdit, lingwa u komunikazzjoni, awtiżmu) joffru servizzi, imma ħafna drabi joperaw bħala organizzazzjonijiet volontarji (karitajiet) u jiġbru fondi biex jgħinu lil xi familji biex jużaw is-servizzi tagħhom b'xejn.

Fuq linji simili għal dawk tas-servizzi pubbliċi tal-ECI, kif jidher mir-rapporti tal-pajjiżi, insibu xi kliniċi privati, ċentri, prattikanti, eċċ. Xi familji jiddeċiedu li jużaw is-servizzi tagħhom għal raġunijiet differenti, bħal expertise aħjar, servizz ta' kwalità aħjar, aktar staff ikkwalifikat u viċinanza għall-post fejn joqogħdu, eċċ. Fis-settur privat bħala regola huma l-ġenituri li jkollhom jħallsu l-kontijiet u/jew l-iskema tas-sigurtà li jagħtu biex jikkontribwixxu għall-ispejjeż imħallsa mill-ġenituri. F'xi każijiet, pereżempju fir-Renju Unit (l-Ingilterra), l-awtoritajiet lokali f'xi okkażjonijiet jipprovdu fondi biex jgħinu lill-familji biex jużaw servizzi privati bħala l-aktar mod effettiv għalihom biex jipprovdu servizz kompetenti. Madankollu, din mhijiex daqshekk komuni.

Fl-aħħar, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, hemm tendenza f'xi pajjiżi li jipprovdu proviżjoni mainstream għal tfal b'SEN f'ambjenti għat-tfulija bikrija kemm pubbliċi kif ukoll privati. Dawn huma ambjenti importanti

fejn is-sostenn tal-familja u x-xogħol interdixxiplinarju se jokkorri aktar fil-futur.

## 1.4 Il-progress u t-tibdil ewlieni relatat ma' xogħol interdixxiplinarju

Is-servizzi u l-proviżjoni ta' tfulija bikrija jinvolvu professjonisti minn dixxiplini varji u ambjenti differenti. Tliet tipi ta' rakkomandazzjonijiet ġew suġġeriti fl-2005 biex jassiguraw xogħol f'tim:

a) Kooperazzjoni mal-familji bħala s-sieħba ewlenin mal-professjonisti;

b) Approċji ta' bini ta' tim biex jassiguraw xogħol b'mod interdixxiplinarju qabel u waqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol li jkun sar qbil fuqu;

ċ) Twaqqif ta' membri ta' tim biex jiffaċilitaw proċess ta' bini ta' tim u riżultati ta' kwalità.

### *1.4.1 Kooperazzjoni mal-familji*

Fl-istess linja mar-rapporti tal-pajjiżi, it-tendenza fl-inizjattivi tal-policy kurrenti tas-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI madwar l-Ewropa hija li tibni fuq l-esperjenza – l-aħjar mod li toħloq servizzi li jkun effettivi fis-sens ta' kemm jiswew, ikunu iffukati fuq il-familja u li jwieġbu għall-problemi indirizzati. Biex jintlaħaq dan l-għan irid ikun hemm kooperazzjoni u involviment tal-ġenituri fil-livelli kollha tal-ippjanar u s-servizzi ta' żvilupp għat-tfal tagħhom.

Fi Franza, din it-tendenza hija applikata permezz tat-twettiq ta' approċju ġdid li jwassal lill-professjonisti jikkunsidraw mill-ġdid ir-rwol importanti li għandhom il-ġenituri u l-fatt li l-ġenituri jistgħu jissupplixxu professjonisti b'informazzjoni vitali dwar it-tfal tagħhom.

Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, l-aspett tax-xogħol mal-ġenituri huwa aktar u aktar kruċjali fit-twettiq tas-servizzi tal-ECI madwar l-Ewropa.

Fl-Estonja, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka għamel studju 'Kollaborazzjoni mal-Ġenituri u Intervent fit-Tfulija Bikrija f'Istituzzjonijiet tal-Ħarsien tat-Tfal tal-Pre-School' mill-15 ta' Mejju 2009 sal-15 ta' Ġunju 2009 f'kollaborazzjoni ma' Tallinn University. Skont il-Kurrikulu Nazzjonali għal Istituzzjonijiet tal-Ħarsien tat-Tfal tal-Pre-School li kien aġġornat fl-2008, l-għalliema tal-kindergarten jassessjaw l-iżvilupp tat-tfal f'kollaborazzjoni mal-familji tagħhom,

jagħmlu intervisti dwar l-iżvilupp u, jekk ikun hemm bżonn, iħejju pjanijiet ta' żvilupp individwali għat-tfal. Il-kindergartens jipprovdu assistenza fl-oqsma ta' edukazzjoni speċjali u t-terapija tat-taħdit. Skont l-istudju, 93% tal-ġenituri huma sodisfatti ħafna bil-monitoraġġ tal-iżvlupp tat-tfal fl-istituzzjonijiet tal-ħarsien tat-tfal. L-istudju indika li kważi nofs il-ġenituri kollha jipparteċipaw attivament fil-proċess tat-tħejjija u t-twettiq tal-pjanijiet individwali ta' żvilupp tat-tfal.

Fil-Ġermanja (il-Bavarja), hemm tradizzjoni twila u b'saħħitha fl-approċju ċċentrat fuq il-familja bħala parti importanti mill-effettività tal-intervent fit-tfulija bikrija. Il-ġenituri huma attivament involuti fid-deċiżjonijiet kollha dwar uliedhom (informazzjoni, taħriġ tal-ġenituri u counselling, sehem fis-sessjonijiet iffukati fuq it-tfal, eċċ.).

Fil-Greċja, il-qafas legali jħeġġeġ lill-ġenituri biex jipparteċipaw fil-bini u l-iżvilupp ta' Programm ta' Tagħlim Individwali għal tfulija bikrija. Il-ġenituri huma mħeġġa wkoll biex jikkollaboraw maċ-Ċentru tal-Assessjar fid-deċiżjoni dwar fejn se jitqiegħed it-tifel/tifla fl-unità tal-iskola.

F'xi każi fl-Ungerija, b'mod speċjali mal-NGOs, jiġu organizzati laqgħat regolari bejn il-professjonisti u l-familja, u l-familji jiġu involuti fil-bini u t-twettiq tal-Pjan ta' Servizz Individwali.

Il-Portugal, il-familji huma involuti fil-proċess ta' Pjanijiet Individwali tal-ECI. Il-kwalità ta' interazzjoni mal-familji tiddependi fil-biċċa l-kbira tagħha fuq l-esperjenza u l-expertise tal-professjonisti.

Fir-Repubblika Ċeka, b'mod ġenerali wieħed jifhem li diskussjoni bejn professjonisti u familji hija parti mill-proċess u l-proviżjoni tal-ECI li jkollhom fil-mira l-iżvilupp tat-tifel/tifla u s-sostenn tal-familja huma diskussi u maħduma skont il-ħtiġijiet tat-tifel b'kooperazzjoni mill-qrib mal-familja.

Inizjattivi differenti ta' policy, programmi u prattika jiġu promossi fil-livell ta' pajjiż bil-għan li jiżviluppaw approċji flimkien bejn ġenituri u professjonisti bħala parti mix-xogħol mas-servizzi ECI.

Fir-Renju Unit (l-Ingilterra), pereżempju, programmi nazzjonali differenti bħas-Sostenn Bikri, il-Qafas tas-Servizzi Nazzjonali għat-Tfal, is-Servizzi għaż-Żgħażagħ u l-Maternità u Nagħmlu l-Miri Għoljin għal Tfal b'Diżabilità, ilkoll jippromwovu xogħol fi sħubija mal-ġenituri permezz ta' laqgħat regolari, Pjanijiet ta' Servizzi ta' Familji miktubin flimkien, tibdil ta' informazzjoni, tibdil ta' taħriġ u, fejn ikun

hemm bżonn, sostenn regolari minn professjonista ewlieni jew ħaddiem ewlieni.

Fir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq), il-proġetti tax-Sure Start jikkoperaw mill-qrib mal-familji, dawk li jużaw is-servizzi u jaraw li jassiguraw li s-servizzi jirriflettu l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-familja fl-iddisinjar u t-twassil tal-komponenti individwali. Il-ġenituri huma wkoll irrappreżentati fil-kumitati tal-immaniġġjar u l-mekkaniżmi qegħdin f'posthom biex jiggarantixxu l-evalwazzjoni regolari tas-servizzi.

Fl-Irlanda, leġiżlazzjoni reċenti tippromwovi kollaborazzjoni mill-qrib ma' tfal u l-familji tagħhom fl-iżvilupp tal-ippjanar u s-servizzi. Dan qiegħed isir aktar evidenti fil-proviżjoni ta' servizzi fl-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa.

Fi Franza, is-Servizzi tal-Maternità u s-Saħħa tat-Tfal u ċ-Ċentri Mediċi u Soċjali tat-Tfal Żgħar żviluppaw approċji bejniethom fuq livell ta' ġenituri/tifel jew tifla, bħala parti mill-proċess tal-ECI.

Fid-Danimarka u l-Isvezja, il-familji huma involuti fit-twaqqif u t-twettiq tal-Pjan Individwali. Il-proviżjoni kollha għandha approċju ħolistiku fir-rigward tat-tifel u l-familja u kooperazzjoni mill-qrib bejn il-professjonisti u l-familja hija prijorità. Il-familji huma involuti fis-suġġerimenti għal azzjoni u intervent u huma offruti gwida u counselling.

Dawn il-programmi jinkludu laqgħat regolari bejn il-professjonisti u l-familji, parteċipazzjoni tal-ġenituri fit-trattament tal-ulied, l-involviment tal-ġenituri fil-proċeduri tal-assessjar, it-teħid tad-deċiżjonijiet, l-issettjar u t-twettiq tal-Pjan Individwali, eċċ.

Minkejja dawn l-iżviluppi t-titjib fil-kooperazzjoni bejn il-professjonisti u l-familji, l-esperti tal-proġett saħqu li aktar xogħol huwa meħtieġ biex wieħed jinvolvi b'mod attiv lill-ġenituri fil-proċess tat-tfal tal-ECI. Allokazzjoni ta' aktar fondi u proviżjoni ta' aktar ħin għal dan ix-xogħol huma meħtieġa.

### *1.4.2 Il-bini ta' tim u l-istabbiltà ta' membri ta' tim*

Fis-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI jiġu involuti setturi differenti u professjonisti minn dixxiplini u ambjenti varji. Inizjattivi ta' policy differenti għas-setturi differenti involuti jitwettqu b'għan komuni: biex jipprovdu kwalità ta' proviżjoni ta' ECI għat-tfal u l-familji.

Skont ir-rapporti tal-pajjiżi, il-miżuri kurrenti ta' policy u l-inizjattivi

madwar l-Ewropa jagħrfu l-ħtieġa li jippromwovu xogħol interdixxiplinarju u l-bini ta' tim madwar is-setturi u fihom stess, bħala mod kif wieħed jiggarantixxi kwalità ta' proviżjoni ta' ECI. Dan l-approċju jinħtieġ li gruppi stabbli ta' aġenziji differenti li għandhom x'jaqsmu mat-tfal u l-familji jiltaqgħu b'mod regolari. L-għan huwa li jħeġġu professjonisti biex jorganizzaw lilhom infushom madwar tfal u familji b'modi ġodda u flessibbli.

Fiċ-ċentri interdixxiplinarji tal-ECI fil-Ġermanja (il-Bavarja), professjonisti minn dixxiplini differenti ilhom jaħdmu flimkien għal snin twal, jaqsmu bejniethom l-għanijiet. Ix-xogħol interdixxiplinarju huwa parti mit-taħriġ tal-kurrikula. Kull ġimgħa jsiru laqgħat interdixxiplinarju bejn it-timijiet biex jiddiskutu każijiet individwali, kunċetti ta' ECI u tibdil ta' informazzjoni fuq suġġetti importanti tal-ECI. B'turija tal-importanza ta' approċju ta' tim interdixxiplinarju għall-kwalità tal-intervent, hemm ukoll budget adekwat għal-laqgħat ta' dawn it-timijiet.

Fil-Portugal, it-timijiet tal-ECI huma magħmula minn professjonisti mis-setturi tas-saħħa, is-sigurtà soċjali u l-edukazzjoni. It-timijiet tal-ECI jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżviluppaw approċju interdixxiplinarju. Mhux it-timijiet kollha tal-ECI huma fl-istess livell ta' żvilupp fejn jidħlu l-aspetti organizattivi jew kwalità tal-prattika tagħhom.

L-Olanda, il-kooperazzjoni għal skop ta' għarfien bikri minn timijiet fl-edukazzjoni u s-settur soċjali u mit-timijiet li jagħtu l-pariri fil-livell ta' skola, biex jagħrfu tfal f'riskju huma inizjattivi li jippromwovu xogħol interdixxiplinarju fil-prattika.

Fil-prattika skont ir-rapporti tal-pajjiżi, xogħol interdixxiplinarju u bini ta' tim huwa eħfef u ħafna drabi jsir aktar ta' sikwit f'servizz speċifiku aktar milli bejn is-servizzi. Kif jingħad fir-rapport tal-pajjiż mill-Olanda, dan ikollu t-tendenza li jsir aktar ta' sikwit meta l-membri tat-tim jaqsmu bejniethom lokazzjoni fiżika (eż. sptar, ċentru ta' għajnuna multipla) aktar milli meta jaħdmu f'lokazzjonijiet u setturi differenti. Fil-linja tar-rapport minn Ċipru, ħafna drabi jiġri li jiġu organizzati laqgħat regolari bejn il-professjonisti li jaħdmu fl-istess servizz, bil-għan li jikkoordinaw l-azzjoni meħuda u jiddiskutu l-każijiet ta' diffikultà u s-superviżjoni. Dawn il-laqgħat jistgħu jkunu jew stabbiliti b'mod tajjeb jew organizzati fuq l-inizjattivi tal-membri tat-tim.

Fl-istess pajjiż, xogħol interdixxiplinarju u bini ta' tim jistgħu jiġu

organizzati b'aktar minn mod wieħed. Pereżempju, fir-Renju Unit (l-Ingilterra), f'xi postijiet, is-servizzi Portage nsibuhom mal-prattikanti tas-saħħa u t-terapisti f'ċentri ta' żvilupp għat-tifel/tifla tal-post. F'postijiet oħra dawn mhumiex. Il-professjonisti huma mistennija li jiżviluppaw il-prattika interdixxiplinarja kulfejn ikunu bbażati, imma l-fatt li wieħed jaħdem f'ċentru li jispeċjalizza fit-twassil tas-servizzi tal-ECI jista' jgħin fl-iżvilupp ta' timijiet interdixxiplinarji aktar stabbli.

Bħalissa fi Franza, waħda mill-isfidi hija t-twettiq ta' approċju multidixxiplinarju u integrat skont il-ħtiġijiet tat-tifel/tifla, li jagħti każ tal-ideat varji diversi. Ximindaqqiet ikun hemm approċji teoretiċi differenti fost il-professjonisti. Approċju interdixxiplinarju jinvolvi l-bdil ta' ideat u approċji rispettivi u proċess ta' żvilupp imxierek u diversifikat li gradwalment iwassal lill-professjonisti biex ikunu aktar konxji tal-mudelli differenti u jbiddel l-oqfsa u l-metodi tal-involviment. Approċju transdixxiplinarju u krossdixxiplinarju ġenwin jista' jinfetaħ għal ideat ġodda u metodi u jistagħnew l-azzjonijiet li jittieħdu mill-professjonisti, favur it-tfal.

L-allokazzjoni ta' budgets suffiċjenti bil-għan li jsostnu laqgħat ta' team interdixxiplinarju jvarja skont il-pajjiżi u bejn ambjenti fl-istess pajjiż. Iċ-ċans li jkun hemm fondi għal skop ta' laqgħat ta' timijiet hija akbar f'servizzi akbar. Fl-opinjoni tar-rapporti tal-pajjiżi kollha, jew xi wħud minnhom, ix-xogħol interdixxiplinarju f'tim isir fil-ħin tal-professjonisti u huma jammettu li sakemm ma jkunx hemm fondi allokati f'kull settur, ix-xogħol interdixxiplinarju f'timijiet għandu ċ-ċans li jibqa' limitat.

Fil-Ġermanja (il-Bavarja), ngħidu aħna, iċ-ċentri tal-ECI għandhom budget speċjali għal skop ta' laqgħat ta' kull ġimgħa tat-timijiet interdixxiplinarji.

Fil-linja mar-rapporti tal-pajjiżi, il-kundizzjonijiet għall-impjegar ta' membri tat-tim (eż. lingwa komuni, ħin, diviżjoni ċara ta' rwol), bħala regola jkun hemm qbil fuqhom fil-livell lokali. Dan ivarja fost il-pajjiżi parteċipanti kif ukol fost l-oqsma differenti fl-istess pajjiż.

Dwar l-aspett ta' kemm ix-xogħol interdixxiplinarju huwa parti mill-kurrikula tat-taħriġ, l-esperti tal-proġett saħqu li hemm varjazzjoni fost il-pajjiżi u fost id-dixxiplini differenti. Madankollu, is-suġġett ta' xogħol interdixxiplinarju fit-taħriġ tal-kurrikula jibqa' limitat. Fl-Olanda, xi dixxiplini (eż. tabib ta' rijabilitazzjoni, tagħlim rimedjali, eċċ.). Fi Spanja, xogħol interdixxiplinarju huwa suġġett ta' taħriġ f'diversi

korsijiet postgradwatorji tal-ECI, imma mhuwiex parti mill-kurrikula ta' taħriġ inizjali jew ta' matul is-servizz.

## 1.5 Progress u tibdil ewlieni relatat mad-diversità u l-koordinazzjoni

Dan l-aspett jirrelata mad-diversità tad-dixxiplini involuti fis-servizzi tal-ECI, għal proviżjoni u għall-ħtieġa ta' koordinazzjoni. Żewġ tipi ta' rakkomandazzjonijiet kienu ssuġġeriti fl-2005 biex jassiguraw li s-setturi soċjali, tas-saħħa, u tal-edukazzjoni involuti fil-proviżjoni jaqsmu r-responsabilitajiet dwar is-servizzi tal-ECI bejniethom:

a) Koordinazzjoni tajba tas-setturi bil-għan li jiggarantixxu li jintlaħqu l-għanijiet tal-livelli kollha tal-prevenzjoni permezz ta' miżuri adekwati u koordinati;

b) Koordinazzjoni tajba ta' proviżjoni bil-għan li jiggarantixxu l-aħjar użu fir-riżorsi tal-kommunità.

### *1.5.1 Koordinazzjoni bejn is-setturi u fihom infushom*

Kif għedna diġà, setturi differenti (saħħa, soċjali, edukazzjoni, oħrajn) u dixxiplini differenti huma involuti fis-servizzi tal-ECI u hemm ħtieġa ċara għal koordinazzjoni effiċjenti bejn is-setturi u fihom infushom bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet għas-sostenn tal-prevenzjoni u biex jassiguraw servizz effiċjenti u ta' kwalità għat-tfal u l-familji.

It-tipi ewlenin tas-servizzi tal-ECI pprovduti mis-setturi tas-saħħa, soċjali, u edukattivi fil-pajjiżi parteċipanti nsibuhom hawn taħt. (In-numru u n-natura tas-servizzi li wieħed isib f'kull pajjiż huma mogħtija tagħrif dwarhom fir-rapporti ta' kull pajjiż individwali ppubblikati fuq il-websajt tal-Agency.)

Is-servizzi ewlenin pprovduti mis-settur (servizzi) tas-saħħa huma:

- Servizzi ta' maternità u saħħa tat-tfal (offruti f'għajnuna qabel u wara t-twelid);
- Kliniċi u ċentri tas-saħħa (jipprovdu dijanjożi u trattament mediku);
- Servizzi ta' konsultazzjoni tal-familja jew servizzi ta' sostenn għal tfal u familji;
- Unitajiet ta' saħħa mentali u unitajiet ta' rijabilitazzjoni;
- Servizzi u ċentri ta' ECI.

Is-servizzi ewlenin pprovduti mis-settur (setturi) soċjali huma:

- Servizzi ta' protezzjoni tat-tfal u ċentri jew servizzi ta' żvilupp għat-tfal;
- Iggwidar ta' familja u ċentri ta' sostenn jew servizzi;
- Servizzi għal matul il-jum, 'nurseries' u 'play groups';
- Servizzi ta' sostenn għal integrazzjoni f'faċilitajiet ta' matul il-jum;
- Servizzi jew ċentri tal-ECI;
- Djar tat-tfal żgħar (infants) u istituzzjonijiet għal tfal b'diżabilitajiet severi.

Is-servizzi ewlenin ipprovduti mis-settur (setturi) edukattivi huma:

- Nursery jew kindergarten fl-iskejjel ewlenin jew skejjel speċjali;
- Pre-school privata u volonatarja, nursery statutorja jew kindergarten;
- Ċentri jew servizzi ta' pariri pedagoġiċi psikoloġiċi u ċentri ta' żvilupp tat-tfal;
- Ċentri jew servizzi ta' ECI;
- Servizzi ta' sostenn (għal tfal bi problemi sensorji, diżabilitajiet kumplessi, eċċ.);
- Għalliema li jgħinu fit-tagħlim (learning-support) jew għalliema ta' riżorsa u assistenti għal tfal bi ħtiġijiet speċjali;
- Skemi ta' tagħlim fid-dar u servizzi ta' sostenn għall-integrazzjoni fl-iskola.

Is-servizzi ewlenin ipprovduti minn settur (setturi) oħra bħal NGOs huma:

- Sostenn f'ambjenti mainstream fis-snin bikrin u ċentri għat-tfal;
- Servizzi jew proġetti għall-ECI;
- Servizzi ta' koordinazzjoni jew koordinaturi ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali;
- Servizzi ta' sostenn għat-tfal u l-familja.

Skont ir-rapporti tal-pajjiż, il-policies kurrenti tal-ECI u l-miżuri jindikaw tendenza fost il-pajjiżi li jtejbu u jinkoraġġixxu mekkaniżmi tajbin ta' koordinazzjoi fost is-setturi u bejniethom stess, bi rwoli definiti ċari u responsabilitajiet u kooperazzjoni mal-imsieħba kollha involuti, inklużi l-familji u l-NGOs.

Il-Portugal, pereżempju, il-liġi tal-ECI tiddefinixxi l-kompetenzi ta' kull Ministeru (edukazzjoni, saħħa, sigurtà soċjali). L-ECI hija bbażata fuq kooperazzjoni intersettorjali, inklużi l-NGOs ukoll.

F'Ċipru u l-Greċja, is-servizzi koordinati għall-proviżjoni ECI tippromwovi l-koordinazzjoni ta' servizzi u xogħol interdixxiplinarju madwar it-tifel/tifla u l-familja.

Fi Spanja, il-proġett pilota ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi fin-naħa t'isfel ta' Madrid hija inizjattivi li tinvolvi lis-servizzi kollha kkonċernata madwar it-tifel u l-familja, bil-għan li tippromwovi xogħol interdixxiplinarju.

Id-Danimarka, l-Att Konsolidattiv tas-Servizzi Soċjali mill-2006 jistabbilixxi l-objettiv u l-għan għal servizzi f'livelli varji. Permezz ta' dan l-att, it-98 muniċipalità kienu obbligati li jaħdmu policy komuni għal tfal, mill-1 ta' Jannar 2007, biex jassiguraw koerenza bejn ix-xogħol ġenerali u preventiv u intervent iffukat lejn tfal bi ħtiġijiet speċjali. L-att ma jispeċifikax l-kontenut konkret jew forom ta' policy; madankollu, il-muniċipalità hija obbligata li telabora proċeduri standard għal case-work dwar tfal u żgħażagħ bi ħtiġijiet speċjali. Bħala minimu, il-proċeduri għandhom jiddeskrivu l-għanijiet, l-isforzi u l-proċeduri għal: intervent bikri; involviment sistematiku tal-familji u innettwerkjar; segwitu u evalwazzjoni tal-isforzi tal-intervent.

Minkejja l-isforzi u l-progress li sar, ħafna rapporti tal-pajjiżi jagħfsu fuq l-isfidi li l-koordinazzjoni bejn is-setturi u fihom stess, jippreżentaw fil-prattika l-implikazzjonijiet konsegwenti għal proviżjoni ta' servizzi ta' ECI effiċjenti u effettivi.

Fis-Slovenja, pereżempju m'hemmx miżuri speċifiċi li jassiguraw koordinazzjoni bejn setturi u jipprevjenu servizzi li jidħlu f'xulxin. Ir-rwoli u r-responsabilitajiet ta' servizzi differenti mhumiex definiti tajjeb u għalhekk għad hemm ħafna ħwejjeġ li mhumiex koperti.

Fl-Isvezja, koordinazzjoni insuffiċjenti tat-twassil tas-servizz tal-ECI hija aspett li jissemma ta' sikwit mill-familja meta dawn jiġu mistoqsija

biex jassessjaw il-proċeduri tal-intervent u r-riżultati. Din hija konsegwenza li ġejja mill-mudell lokali u diċentralizzat tal-ECI li jinħtieġ li l-ġenituri jkunu persuni ewlenin, attivi fil-koordinazzjoni tas-servizzi għat-tifel/tifla tagħhom.

Fl-Irlanda, is-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni żviluppaw bħal qisu skont tradizzjonijiet separati u minkejja sforzi reċenti fil-koordinazzjoni għad hemm aktar skop għal koordinazzjoni akbar tas-servizzi biex jassiguraw servizzi effiċjenti u ta' kwalità għal tfal u familji bħala ħaġa sħiħa.

Aspett ieħor li saħqu fuqu l-esperti tal-proġett iffoka fuq responsabilitajiet li jidħlu f'xulxin bejn proviżuri ta' servizzi differenti. Anke f'każijiet fejn ir-responsabilitajiet ta' servizzi differenti huma ċari biżżejjed, l-interpretazzjoni taghom tista' tkun problema reali. Tfal u familji jistgħu jinqabdu bejn setturi differenti, li mbagħad ikollhom pressjoni qawwija fuq il-ġenituri li jassiguraw li l-ħtiġijiet tagħhom jintlaħqu mill-proviżuri tas-servizz.

Minkejja l-isforzi, titjib u żviluppi magħmulin fil-qasam tal-koordinazzjoni bejn u fis-setturi, ħafna mill-esperi tal-proġett ammettew li l-objettiv ta' koordinazzjoni reali bejn l-istakeholders kollha li jaħdmu madwar it-tifel/tifla u l-familja huwa proċess twil u ħafna aktar xogħol jintħieġ li jsir fil-livell ta' policy u azzjoni.

### *1.5.2 Koordinazzjoni ta' proviżjoni u kontinwità ta' sostenn*

Skont ir-rapporti tal-pajjiż, il-koordinazzjoni tal-proviżjoni tal-ECI u t-twassil huma meqjusa bħala l-qofol għall-effiċjenza u l-effettività tal-proċess ta' intervent għat-tfal u l-familji.

Meta wieħed jagħti każ li t-tranżizzjoni bejn forom ta' proviżjoni għandhom jidhru bħala proċess u għandhom jiġu ppjanati mal-imsieħba kollha involuti, il-pajjiżi parteċipanti jippromwovu, skont ir-rapporti, għadd ta' miżuri ta' policies, inizjattivi, programmi u azzjoni li jassiguraw kontinwità tas-sostenn meħtieġ meta t-tfal ikunu mexjin minn forma ta' proviżjoni għal oħra.

Id-Danimarka, l-informazzjoni tgħaddi mill-istituzzjoni tal-ħarsien ta' matul il-jum għall-iskola permezz ta' forom standard, żviluppati mill-muniċipalitajiet u mimlija mill-edukaturi fil-faċilità ta' matul il-jum. Huma jipprovdu informazzjoni dwar l-assessjar tal-kompetenzi lingwistiċi u soċjali tat-tfal, kif ukoll il-kundizzjoni fiżika u l-qagħda ġenerali tas-saħħa. L-istituzzjoni tal-ħarsien ta' matul il-jum hija

responsabbli biex tgħaddi il-formula lill-iskola u l-faċilitajiet tal-ħin liberu. Il-ġenituri huma involuti u huma wkoll jiffirmaw il-formula qabel din tingħadda 'l quddiem.

Fl-Isvezja u l-Portugal, il-pjanijiet individwali, li saru b'kooperazzjoni mal-ġenituri u l-professjonisti involuti, għandhom l-għan li jassiguraw kontinwazzjoni bejn il-proviżuri tas-servizzi.

L-Irlanda, is-Service Statement għal individwu taħt l-Att tad-Diżabiltà 2005, li jiġi eżaminat kull sena, jidentifika minn qabel, liema servizzi se jkunu pprovduti u f'liema lokazzjoni. Is-Service Statement jista' jkun ukoll emendat meta ċ-ċirkustanzi jinbidlu. It-tranżizzjonijiet u l-bidliet minn servizz għal ieħor huma meqjusa mill-istaff bħala qasam ewlieni u miżuri – bħall-iżvilupp ta' standards – jistgħu jidhru li jtejbu t-trasferiment bla skossi bejn servizzi għal tfal u l-familji tagħhom.

Il-Lussemburgu, servizzi ECI jikkollaboraw ma' servizzi fl-iskejjel biex jassiguraw li s-servizzi ta' sostenn mitluba jiġu offruti lit-tifel/tifla darba waħda hu/hi jitilqu s-servizzi tal-ECI u jidħlu fl-iskola obbligatorja.

Fil-Ġermanja (il-Bavarja), iċ-ċentri interdixxiplinarji tal-ECI huma responsabbli għal tranżizzjoni b'suċċess għal servizzi oħra u b'mod speċjali għall-iskejjel. Għal dan il-għan, il-professjonisti u l-ġenituri jaqsmu bejniethom informazzjoni biex b'hekk jiffaċilitaw servizz ta' kwalità għolja fl-ambjent il-ġdid.

Dwar kemm it-tfal li jiġu minn servizzi ta' ECI huma mogħtija postijiet ta' prijorità fl-ambjenti ta' kindergarten/pre-school, insibu sitwazzjonijiet differenti fl-Ewropa.

F'xi pajjiżi, pereżempju fil-Litwanja jew il-Lussemurgu, ma tingħata l-ebda prijorità uffiċjali biex tidħol f'kindergartens jew pre-school għal tfal li jiġu minn servizzi ECI. F'pajjiżi oħra bħal Ċipru, il-Greċja, l-Islanda, il-Latvja, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera jew l-Ungerija, il-prijorità tingħata b'mod uffiċjali. F'każijiet oħra, pereżempju fil-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvizzera jew ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq), li tagħti l-prijorità ma tapplikax għax skont il-leġiżlazzjoni relevanti, it-tfal kollha għandhom id-dritt li jidħlu l-kindergarten u l-pre-school f'ċertu età; għalhekk l-ebda prijorità ma hija meħtieġa.

Fil-Portugal, l-Att għall-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali jistabbilixxi prijorità ta' reġistrazzjoni għal tfal b'SEN hekk kif jidħlu fil-pre-school u l-iskejjel.

Minkejja l-miżuri ta' policy relevanti u l-programmi implimentati u l-progress u l-iżviluppi ewlenin milħuqa, l-esperti tal-proġett saħqu li aktar xogħol irid isir fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-proġetti biex tiġi assigurata kontinwità tas-sostenn meħtieġ meta t-tfal jgħaddu minn proviżjoni għal oħra.

### *1.5.3 Informazzjoni komplimentarja dwar standards ta' kwalità għal servizzi ta' ECI*

Id-daqs ta' kemm miżuri ta' policy ta' ECI jiddefenixxu b'mod ċar standards ta' kwalità li japplikaw għal servizzi pubbliċi u privati ta' ECI jvarja madwar l-Ewropa.

Mir-rapporti tal-pajjiż jidher li f'xi pajjiżi, bħall-Belġju (il-kommunità li titkellem bil-Franċiż), Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, il-Latvja, Malta, in-Norveġja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq), ir-Republika Ċeka, hemm miżuri ta' policy speċifiċi u linji ta' gwida li jiddefinixxu l-istandards ta' kwalità għas-servizzi ta' ECI li jinħtieġ li jsiru mis-setturi pubbliċi u privati.

Fl-Isvizzera, il-Bord Nazzjonali tal-Edukazzjoni u l-Bord Nazzjonali tas-Saħħa u l-Għajnuna Soċjali huma entitajiet responsabbli li jevalwaw u jkkonrollaw li l-istandards ta' kwalità huma rrispettati.

F'pajjiżi oħra, bħall-Ungerija, il-Polonja u s-Slovenja, m'hemmx standards ċentralizzati ta' kwalità speċifiċi stabbiliti għal servizzi ECI. Fl-Ungerija, qegħdin isiru sforzi kbar biex japplikaw standards approprijati fl-NGOs.

Dwar il-varjazzjoni fir-relazzjoni tal-listi ta' persuni li qegħdin jistennew u kemm is-servizz jingħata fil-ħin bejn is-settur pubbliku u privat tal-proviżjoni tas-servizz tal-ECI, l-esperti tal-proġett jissuġġerixxu li numru ta' inizjattivi jistgħu jittieħdu u jsiru sforzi biex tintlaħaq l-istess proviżjoni ta' servizz fiż-żewġ servizzi. Pereżempju, l-Islanda żiedet il-fondi għas-settur pubbliku biex tnaqqas in-numru ta' tfal li qegħdin fuq il-lista tal-istennija.

Minkejja l-isforzi li saru, skont ir-rapporti tal-pajjiżi, aktar xogħol jinħtieġ li jsir biex tintlaħaq l-istess kwalità ta' proviżjoni ta' servizz fiż-żewġ setturi. F'xi każijiet jidher li hemm differenza fin-numri ta' tfal li qegħdin jistennew, bħal pereżempju f'Ċipru jew in-Norveġja u ż-żmien tal-istennija għat-tfal huwa iqsar fis-settur privat milli fis-settur pubbliku tas-servizzi tal-ECI.

Kif ġie deskritt mill-esperti tal-proġett, ir-raġuni għal-listi twal ta'

stennija fis-servizzi pubbliċi tal-ECI huwa li n-numru ta' servizzi huwa insuffiċjenti f'relazzjoni mat-talba attwali.

Fi Franza, id-differenzi li jistgħu jeżistu dwar il-lista ta' stennija huma minħabba nuqqas ta' postijiet meta mqabbla mat-talba tal-familji. Huma indipendenti mill-metodu ta' ffinanzjar tal-istrutturi pubbliċi u privati.

Fil-Belġju (il-kommunità li titkellem bil-Franċiż), hemm listi ta' stennija f'xi postijiet, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll privat. Dan l-aħħar, fil-Greċja, minħabba ż-żieda bil-kbir ta' numri ta' tfal minn ambjenti multikulturali, hemm listi ta' stennija kemm fis-settur pubbliku kif ukoll privat. Fl-Isvezja, il-kwistjoni mhijiex wisq jekk is-servizzi Pubbliċi u Privati għandhomx l-istess kwalità, imma jekk jew le l-muniċipalitajiet u l-kunsilli tal-counties responsabbli għas-servizzi jipprovdux l-istess tip ta' servizz, bl-istess kwalità u jsegwux il-liġijiet, il-policies u r-regolazzjonijiet.

Fl-aħħar, fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mir-rapporti tal-pajjiż, wieħed jista' jgħid li sa mill-2004 saru sforzi u progress mill-pajjiżi parteċipanti kollha biex isostnu s-servizzi tal-intervent tat-Tfulija Bikrija (ECI) għat-tfal u l-familji tagħhom. Il-miżuri ta' policy u inizjattivi, programmi u azzjonijiet kienu implimentati fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, biex itejbu n-numru u l-kwalità tas-servizzi offruti lit-tfal li jinħtiġuhom u lill-familji tagħhom. Minkejja t-titjib, dawn l-isforzi jinħtieġ li jinżammu biex b'hekk jiġi assigurat li t-tfal kollha u l-familji li jkollhom ħtieġa jistgħu jieħdu proviżjoni ta' ECI ta' kwalità u d-drittijiet tagħhom ikunu rrispettati kollha.

## 2. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Skont ir-rapporti tal-pajjiż, jista' jingħad li saru sforzi mill-pajjiżi kollha u l-progress jidher fil-livelli kollha, għalkemm aktar xogħol jinħtieġ li jsir. Tibdil pożittiv beda jsir sa mill-2005 dwar il-ħames elementi ewlenin ippreżentati fl-analiżi ta' qabel: kemm jista' jkun affordjat; il-viċinanza; kemm jista' jinkiseb; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità, u l-koordinazzjoni. Dawn il-ħames elementi ewlenin huma marbuta ma' xulxin u ma jistgħux jittieħdu għal rashom.

Ir-riżultati mill-analiżi li saret mill-Agency fl-2005 uriet li l-prinċipji li 'L-ECI tirrelata mad-dritt li kull tifel/tifla u l-familja tagħhom jirċievu s-sostenn li jinħtieġu. L-ECI għandu l-għan li jsostni u jagħti s-saħħa lit-tifel, lill-familja u s-servizzi involuti. Fl-istess ħin jgħin biex jibni soċjetà inkluживa u koeżiva li hija konxja tad-drittijiet tat-tfal u l-familji tagħhom' (p. 3).

### 2.1 Konklużjonijiet

Il-konklużjonijiet mill-analiżi preżenti tindika b'mod ċar li l-prinċipji li tqajmu fl-2005 jagħtu każ ta' tliet prijoritajiet ċari li huma kkumplimentati **minn erba'** proposti konkreti. Il-prijoritajiet jikkonċernaw:

- Il-ħtieġa li wieħed jilħaq il-popolazzjonijiet kollha li għandhom bżonn l-ECI: din il-prijorità tirrelata mal-għan imxierek tal-ECI u l-prijorità fil-pajjiżi kollha li jipparteċipaw, biex jilħqu lit-tfal u lill-familji kollha li jkollhom ħtieġa ta' sostenn kemm jista' jkun kmieni.

- Il-ħtieġa li tiġi assigurata proviżjoni ta' kwalità u ugwali: din il-prijorità tirrelata mal-ħtieġa li jkollok standards ta' kwalità definiti u ċari għal servizzi u proviżjonijiet ta' ECI li jinħtieġ li jsiru. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi biex jevalwaw u jassiguraw li l-kwalità tal-istandards huma irrispettati, itejbu l-effettività tas-servizzi tal-ECI u jassiguraw l-istess kwalità ta' proviżjoni ta' servizz fuq livell nazzjonali, minkejja d-differenzi ġeografiċi.

- Il-ħtieġa li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u l-familji tagħhom: din il-prijorità tirrelata mal-ħtieġa li tinħoloq familja ffukata u servizzi li jaħdmu għat-tfal u l-familji u li jinvolvu lill-ġenituri f'kull livell ta' ppjanar u jiżviluppaw servizzi ta' ECI għat-tfal tagħhom.

Dawn it-tliet prijoritajiet huma kkumplimentati b'erba' proposti konkreti:

- Leġiżlazzjoni u miżuri ta' policy: rapporti tal-pajjiżi jisħqu li numru importanti ta' atti, regolazzjonijiet, ordinanzi u miżuri ta' policy simili ġew addotattat sa mill-2004/2005 (ara Anness). Din is-sitwazzjoni turi involviment u impenn minn dawk li jagħmlu l-policy, u minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijet, fir-relazzjoni mal-ECI. Biex wieħed jassigura li l-ECI hija mwettqa bl-aktar mod effiċjenti, aktar xogħol irid isir. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-miżuri ta' policy huma importanti daqs il-miżuri nfushom.

- Ir-rwol tal-professjonisti: ir-rapporti tal-pajjiżi jagħfsu wkoll fuq ir-rwol ewlieni li għandu jintlagħab mill-professjonisti involuti f'livelli differenti:

- Il-mod kif l-informazzjoni tiġi pprovduta lill-familji;
- Il-programmi ta' taħriġ segwiti biex wieħed ikun kapaċi jaħdem f'tim multidixxiplinarju, jaqsam kriterji komuni u objettivi u effettivament jaħdem mal-familji.

- Xi rapporti tal-pajjiż identifikaw il-ħtieġa li jkun hemm koordinatur tal-ECI u ħaddiem-ewlieni bejn is-servizzi ġenerali. Din tiggarantixxi koordinazzjoni bejn is-servizzi, fost il-professjonisti u mal-familji. Din qiegħda titwettaq f'xi pajjiżi u diġà qed tagħti riżultati tajbin.

- Titjib fil-koordinazzjoni bejn u fis-setturi: din il-proposta kienet mogħtija importanza fl-analiżi tal-proġett, l-aktar relatat mal-ħtieġa għal kooperazzjoni u koordinazzjoni fis-setturi.

## 2.2 Rakkomandazzjonijiet

Ir-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt huma mibnija fuq il-prinċipju li l-Intervent fit-Tfulija Bikrija huwa dritt għat-tfal kollha u l-familji li jkollhom ħtieġa ta' sostenn. Ir-rakkomandazzjonijiet taw każ u bnew fuq informazzjoni pprovduta mir-rapporti tal-pajjiż u r-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet u l-konklużjonijiet tal-aġġornament tal-proġett fuq ħames elementi ewlenin u r-rakkomandazzjonijiet imqajma fl-ewwel proġett tal-Agency mill-2005. Dawn huma relatati mat-tliet priijoritajiet ġenerali u **l-erba'** proposti msemmija fil-konklużjonijiet.

### *2.2.1 Nilħqu l-popolazzjonijiet kollha li jkollhom ħtieġa ta' ECI*

Din il-konklużjoni tirrelata mal-għan imxierek għall-ECI u l-prijorità fil-pajjiżi parteċipanti kollha li jilħqu t-tfal u l-familja kollha li jkollhom

bżonn ta' sostenn kemm jista' jkun malajr.

Tliet rakkomandazzjonijiet ġew issuġġeriti mill-espert tal-proġett biex nassiguraw li t-tfal u l-familji kollha li jkollhom ħtieġa ta' sostenn ta' ECi jintlaħqu:

1. Il-policy u l-iggwidar għandhom jagħmluha possibbli għas-servizzi tal-ECI li jkunu pprovduti lit-tfal u lill-familji kollha kemm jista' jkun kmieni u kemm jista' jkun malajr, wara li tkun identifikata l-ħtieġa.

2. Is-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI trid tkun skedata biex twieġeb għall-ħtiġijiet tat-tfal u l-familja kollha, u mhux bil-kontra. It-tfal u l-familji għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-azzjonijiet kollha tal-proċess ECI. Ix-xewqat tal-familji għandhom jiġu rrispettati, inklużi l-possibiltajiet għal għażliet.

3. Il-qsim ta' informazzjoni fost il-professjonisti u l-proviżjoni ta' informazzjoni adekwata għall-familji għandha tkun ta' prijorità għolja. Il-proviżuri tas-servizz għandu jkollhom ir-responsabiltà li jassiguraw li l-familji kollha għandhom aċċess għad-dritt tal-informazzjoni u l-informazzjoni li huma speċifikatament iridu.

### *2.2.2 Tiġi assigurata l-kwalità u standards ugwali għall-proviżjoni u t-twassil ta' ECI*

Din il-konklużjoni tirrelata mal-ħtieġa ta' miżuri ta' policy u linji ta' gwida li jiddefenixxu b'mod ċar l-istandards ta' kwalità għas-servizzi tal-ECI u l-proviżjoni li tinħtieġ li tintlaħaq. Għandha x'taqsam ukoll mal-ħtieġa ta' żvilupp ta' mekkaniżmi effettivi biex tiġi evalwata l-efettività u l-kwalità tas-servizzi tal-ECI.

Ġew issuġġeriti sitt rakkomandazzjonijiet minn esperti bil-għan li jiġu assigurati kwalità u standards ta' ugwaljanza ta' proviżjoni ta' ECI u twassil tal-istess servizz:

1. Dawk li jagħmlu l-policy għandhom jaraw li jiżviluppaw standards ta' evalwazzjoni komuni li jintużaw fis-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali u għandhom jindirizzaw aspetti ta' dak li jinħtieġ li jiġi evalwat u kif l-aħjar jiġu involuti l-familji li jużaw servizzi fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-kwalità (eż. permezz ta' użu ta' kwestjonarji ta' standardizzazzjoni).

2. Dawk li jagħmlu l-policy għandu jkollhom mekkaniżmi effettivi f'posthom biex jevalwaw talbiet għal servizz tal-ECI u mekkaniżmi effettivi biex jiċċekkjaw jekk il-provista tas-servizzi hijiex skont il-

bżonn biex b'hekk ikun jista' jsir ippjanar għal titjib fis-servizz. Għandu jiġi żviluppat mod sistematiku kif tinġabar u tiġi mmonitorjata data ta' min joqgħod fuqha fil-livelli nazzjonali.

3. Dawk li jagħmlu l-policy għandhom jassiguraw 'kontinwu' ta' kwalità ta' esperjenzi għat-tifel/tifla mit-twelid sa meta jsiru rġiel u nisa. Il-'kontinwu' għandu jiggarantixxi kwalità ta' sostenn meħtieġ meta t-tfal jgħaddu minn proviżjoni għal oħra.

4. Għandhom jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' monitoraġġ (Eż. sett ta' indikaturi) biex jassessjaw il-progress tat-twettiq tal-ħames elementi ewlenin - kemm jista' jkun affordjat; il-viċinanza; kemm jista' jinkiseb; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità; u l-koordinazzjoni – kif ukoll l-iżvilupp tas-servizzi tal-ECI.

5. L-iżvilupp ta' kompetenzi professjonali għandhom jingħataw prijorità, inklużi: kwalifiki, edukazzjoni professjonali kontinwa u taħriġ; konxjożità min-naħa tal-prattikant tal-modi kif jista' jsir żvilupp; fehim imsieħeb bejn il-professjonijiet u d-dixxiplini.

6. Il-bini ta' konxjożità fi ħdan l-livelli differenti tas-sistema tal-ħtieġa u l-benefiċċji ta' xogħol interdixxiplinarju (eż. illobijar fil-livell tas-sistema, eżempji ta' pprofilar mill-prattika) għandhom jiġu sostnuti.

Barra minn hekk, l-esperti taw importanza lill-ħtieġa li jintroduċu approċji adekwati biex jassessjaw il-kwalità u l-progress:

- Jiġu stabbiliti possibilitajiet biex jaqsmu u jxerrdu xenarji ta' prattiċi tajbin;
- Ikun hemm iffukar ikbar u aħjar kif ukoll evidenza għal riżultati mtejba għat-tfal u l-familji tagħhom u tiġi ffaċilitata l-bidla fl-attitudnijiet u l-prattika;
- Jiġu żviluppati għodod u mekkaniżmi għal sigurtà ta' kwalità;
- Ikun hemm titjib f'approċju sistematiku ta' tixrid tar-riżultati.

### *2.2.3 Nirrispettaw id-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom*

Din il-konklużjoni tirrelata mal-ħtieġa li noħolqu familji ffukati u servizzi li jwieġbu għall-ħtiġijiet li jaħdmu għal tfal u familji filwaqt li jiġu involuti ġenituri f'kull livell ta' ppjanar u żvilupp ta' servizzi ta' ECI għat-tfal tagħhom.

Ġew issuġġeriti seba' rakkomandazzjonijiet minn esperti bil-għan li jiġu assigurati u rrispettati d-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u l-familji fil-proċess tal-ECI:

1. Il-policy u l-iggwidar filwaqt li jirrispettaw id-diversità, jippromwovi l-involviment tal-familja u jagħrfu li l-familji huma l-aħjar sors ta' għarfien u expertise dwar it-tfal tagħhom għandhom jagħtu każ ukoll tal-limitazzjonijiet fil-ħila ta' xi familji li jidentifikaw, b'mod realistiku, x'inhu l-aħjar interess għat-tifel/tifla tagħhom.

2. Il-policy u l-iggwidar għandhom jassiguraw li f'sitwazzjonijiet ta' riskju, meta l-professjonisti u l-familji ma jaqblux fuq x'inhu l-aħjar għat-tifel/tifla, id-drittijiet tat-tifel/tifla għandhom jiġu l-ewwel.

3. Il-kontinwità fir-relazzjonijiet mal-professjoinisti li jkunu jaħdmu magħhom hija importanti għall-familji. Fejn ir-relazzjonijiet huma vvalorizzati ħafna mill-familji, dawk li jagħmlu l-policy, u l-maniġers għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jagħmluha possibbli għall-professjonisti ewlenin biex ikomplu jaħdmu mal-familji fit-tul kemm jista' jkun.

4. It-termini u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' impjegar ta' professjonisti li jaħdmu fil-qasam tal-ECI għandhom jirriflettu l-importanza ta' xogħol u sħubija interdixxiplinarja fix-xogħol mal-familji. Għandhom jaraw li jibnu fil-ħin u l-kapaċità li jwasslu biex professjonisti individwali jieħdu rwol ewlieni jew ta' koordinatur ta' ECI, filwaqt li jħallu post għall-parteċipazzjoni fil-laqgħat f'tim mat-tifel/tifla u l-familja kif ukoll għall-ippjanar flimkien.

5. Il-policy u l-iggwidar għandhom jagħfsu fuq il-ħidma flimkien u x-xogħol ma' familji bħala li huma ċentrali għall-ECI. Madankollu, fehim tan-natura tal-ħidma flimkien għandu jinkludi wkoll għarfien tal-valur tal-involviment tal-familja kemm fit-twassil tat-taħriġ lill-professjonisti, kif ukoll fl-eżaminar tas-servizzi u l-ippjanar għall-iffaċilitar tat-titjib.

6. Il-policy u l-iggwidar għandhom jagħrfu n-natura ħolisitka tas-sostenn għall-familji u l-arranġamenti għall-familji li jaħdmu u jgħaqqdu l-iżvilupp tal-policy tal-ECI mal-policy fuq it-tħaris tat-tfal, l-impjegar, id-djar, eċċ.

7. L-iskop tal-policy u l-iggwidar għandhom imorru lilhinn mis-sostenn għall-ġenituri biex jinkludi sostenn għall-familji kollha, inklużi n-nanniet, l-aħwa u, fejn ikun hemm bżonn, membri oħra tal-familja estiża.

### *2.2.4 Leġiżlazzjoni u miżuri ta' policy*

Ir-rapporti tal-pajjiż isostnu li miżuri ta' policy għandhom jagħtu każ tal-ħames elementi ewlenin li tqajmu fl-2005 u ssuġġerew leġiżlazzjoni u miżuri ta' policy biex jieħdu inkonsiderazzjoni dawn il-ħames rakkomandazzjonijiet:

1. Koordinazzjoni effiċjenti ta' servizzi bi rwoli u responsabilitajiet definiti;

2. Proviżjoni ta' kwalità ugwali skont standards ta' ECI definiti sewwa;

3. Żieda fil-miżuri biex wieħed jeħles jew jibbilanċja sitwazzjonijiet inugwali jew diskriminatorji;

4. Involviment sħiħ għall-familji fil-proċessi tal-ECI kollha;

5. Proċessi ta' tranżizzjoni organizzati tajjeb fost is-servizzi biex tiġi assigurata l-kontinwità fis-sostenn meħtieġ meta t-tfal ikunu għaddejjin minn forma ta' proviżjoni għal oħra.

### *2.2.5 Titjib ta' koordinazzjoni fis-setturi nfushom u bejnhom stess*

Żewġ rakkomandazzjonijiet huma ssuġġeriti mill-esperti biex itejbu l-koordinazzjoni tas-servizzi u l-proviżjoni tal-ECI:

1. L-ECI ħafna drabi tkun qasam ta' xogħol bejn aġenziji, imma f'kull każ qasam interdixxiplinarju ta' xogħol. Dawk li jagħmlu l-policy jinħtieġ li jagħrfu dan billi jassiguraw li l-policy u l-iggwidar jkunu żviluppati flimkien mid-dipartimenti tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali u li kull iggwidar ippubblikat għas-servizzi reġjonali u lokali jġorru magħhom il-logos ta' aktar minn dipartiment wieħed. Huwa b'dan il-mod biss li x-xogħol integrat jinżel 'l isfel fil-livelli reġjonali u lokali.

2. Il-policy u l-iggwidar għandhom jenfasizzaw l-importanza kritika tal-koordinazzjoni, xogħol ewlieni u ppjanar flimkien f'punti importanti tat-tranżizzjoni għal tfal u familji.

### *2.2.6 Żvilupp ta' rwoli tal-professjonisti*

Din il-konklużjoni tirrelata mar-rwol ewlieni li jkollhom il-professjonisti involuti f'livelli differenti tal-proċess tal-ECI. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu ssuġġeriti minn esperti biex itejbu l-opportunitajiet ta' taħriġ għall-professjonisti:

Aktar taħriġ huwa meħtieġ għall-professjonisti kollha involuti fit-twassil tal-ECI. Xi taħriġ huwa ta' natura speċjalizzata u huwa

assoċjat ma' kundizzjonijiet partikolari. Ta' importanza ugwali huwa t-taħriġ ġenerali għall-istaff mainstream u kif ukoll għall-personnel li jaħdmu fis-sevizzi tal-ECI f':

a) Xogħol interdixxiplinarju;

b) Xogħol ma' familji;

ċ) Opportunitajiet għal taħriġ inizjali u żvilupp professjonali kontinwu.

Il-ħames elementi ewlenin – kemm jista' jkun affordjat; il-viċinanza; kemm jista' jinkiseb; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità, u l-koordinazzjoni – u r-rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jwasslu għat-twettiq b'suċċess tal-ewwel proġett tal-Agency kien il-pedament tal-aġġornament tal-proġett.

Fi ħdan l-istudju tal-aġġornament, ir-rakkomandazzjonijiet identifikati fl-2005 kienu eżaminati mill-ġdid biex jaraw jekk kinux taw każ meta kienu qegħdin jiżviluppaw is-servizzi u kif ukolll jekk sarx progress. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li t-twettiq tal-ħames elementi ewlenin u r-rakkomandazzjonijiet rispettivi jassiguraw li l-prinċipju ewlieni jintlaħaq – id-dritt li kull tifel/tifla u l-familja tiegħu/tagħha jirċievu s-sostenn li jista' jkollhom bżonn – skont it-tliet prijoritajiet sostnuti mill-analiżi preżenti:

- Biex jintlaħqu l-popolazzjonijiet li għandhom ħtieġa mill-ECI;
- Biex jassiguraw kwalità u ugwaljanza fl-istandards fejn tidħol il-proviżjoni;
- Biex jiġu rrispettati d-drittijiet u l-ħtiġijiet tat-tfal u tal-familji tagħhom.

## LISTA TA’ ESPERTI NOMINATI

| | |
|---|---|
| **L-Awstrija** | Manfred PRETIS |
| **Il-Belġju (Il-komunità li titkellem bil-Franċiż)** | Maryse HENDRIX |
| **Ċipru** | Maria KAKOURI-PAPAGEORGIOU |
| **Id-Danimarka** | Inge SVENDSEN |
| **L-Estonja** | Tiina PETERSON |
| **Il-Fillandja** | Liisa HEINÄMÄKI |
| **Franza** | Paul FERNANDEZ |
| **Il-Ġermanja** | Franz PETERANDER |
| **Il-Greċja** | Theodoros KARAMPALIS |
| **L-Irlanda** | Thomas WALSH |
| **L-Islanda** | Hrund LOGADOTTIR |
| **L-Isvezja** | Lena ALMQVIST |
| **L-Isvizzera** | Silvia SCHNYDER |
| **Il-Latvja** | Gundega DEMIDOVA |
| **Il-Litwanja** | Stefania ALISAUSKIENE |
| **Il-Lussemburgu** | Jacques SCHLOESSER<br>Michèle RACKÉ |
| **Malta** | Rose Marie PRIVITELLI<br>Marvin VELLA |
| **In-Norveġja** | Lise HELGEVOLD |
| **L-Olanda** | Susan MCKENNEY |
| **Il-Polonja** | Małgorzata DOÑSKA-OLSZKO<br>Ewa GRZYBOWSKA |
| **Il-Portugal** | Graça BREIA<br>Filomena PEREIRA |
| **Ir-Renju Unit (l-Ingilterra)** | Sue ELLIS<br>Elizabeth ANDREWS |
| **Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta’ Fuq)** | Joan HENDERSON |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Jindriška DRLÍKOVÁ<br>(married name: HARAMULOVÁ)<br>Zdenka SLOVÁKOVÁ |
| **Is-Slovenja** | Bojana GLOBAČNIK<br>Nevenka ZAVRL |
| **Spanja** | Yolanda JIMÉNEZ<br>Elisa RUIZ VEERMAN |
| **L-Ungerija** | Barbara CZEIZEL |

## SANNESS

**Din it-tabella tippreżenta dehra ġenerali tal-leġiżlazzjoni tal-ECI u t-tibdil fil-policy fil-pajjiżi parteċipanti.**

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **L-Awstrija** | **a) Il-livell federali**<br>1967, Familienlastenausgleichsgesetz (Ugwalità fil-Piż tal-Familja: kumpens finanzjarju għat-tfal – jekk jikkwalifikaw għal 50% degree ta' Diżabiltà).<br><br>**b) Il-livell Provinċjali u Federali**<br>(Mill-1993 'il fuq), liġijiet u regolamenti diversi dwar 'l-allowance tal-ħarsien': aspett diffikultuż ta' ħarsien 'neċessarju' għal tfal żgħar ħafna u ħarsien 'addizzjonali' minħabba diżabiltà.<br>**ċ) Il-livell Provinċjali (L-ECI huwa rregolat fuq dan il-livell, 3 eżempji minn 9)**<br>Mill-1985 fi Styria, l-ECI huwa servizz rikonoxxut għal tfal b'diżabiltà jew f'riskju li jispiċċaw diżabbli.<br>1990/1991 L-Att dwar l-Welfare taż-Zgħażagħ huwa definit ukoll bħala servizz dwar il-welfare.<br>1993 Regolazzjoni fuq l-organizzazzjoni tal-ECI: eż. definizzjoni ta' standards ta' taħriġ professjonali bażiku.<br>2. L-Awstrija ta' Fuq | **a) Il-livell federali**<br>2009 L-Att tal-Ugwaljanza dwar id-diżabilità: projbizzjoni ta' diskriminazzjoni ta' nies b'diżabilitajiet (PwD).<br>2009, Sstyria, Emenda dwar l-allowance tal-ħarsien: il-qagħda tal-ħarsien ta' tfal li jkollhom diżabiltà severa hija indirizzata u jrid tingħata kas tagħha (aktar tfal żgħar se jieħdu allowance ta' ħarsien).<br><br>**ċ) Livell Provinċjali**<br>2004, Servizzi Styrian (ġdid) għall-Att PwD: dritt għall-PwD dwar servizzi (jinkludu ECI); twettiq ta' mudelli ta' infiq normattivi; implimentazzjoni ta' timijiet indipendenti ta' esperti dwar l-assessjar (IHB).<br>2005, Emenda għall-Att dwar il-Welfare taż-Żgħażagħ: standards ta' kwalità bażika tal-ECI fil-Welfare taż-żgħażagħ huma definiti; Is-Servizzi tal-ECI huma bla ħlas għall-ġenituri.<br>2. In-naħa ta' fuq tal-Awstrija<br>2005, Opportunitajiet Ugwali ġodda għall-Att tal-PwD: |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| | Regulazzjonijiet diversi u prattiċi varji.<br>3. Vjenna<br>1986 Liġi għall-PwD: L-ECI tidher bħala sostenn għat-trobbija ta' tifel/tifal u lejn l-iskola.<br>1990 L-Att dwar il-Welfare taż-Żgħażagħ: Bażi ġenerali għall-ECI. | L-ECI tingħata sakemm it-tifel/tifla jattendi l-iskola; il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet isiru fuq il-livell tad-distrett; il-ħtiġijiet professjonali bażiċi għall-ECI huma definiti.<br>3. Vjenna<br>2009 (ġdid) L-Att dwar l-Opportunijiet Ugwali: L-ECI hija inkluża fil-lista tassattiva tas-servizzi għat-tfal. |
| **Il-Belġju (Il-komunità li titkellem bil-Franċiż)** | 1939 **liġijiet** koordinati **fuq l-allowances tal-familja.**<br>1970: **Liġi fuq tagħlim speċjali** li tinkludi l-pre-school (bejn 3 u 6 snin).<br>1995 **L-Ordinanza Walloon għall-integrazzjon soċjali ta' persuni b'diżabiltà.**<br>1995: **Ordinanza li torganizza awtorizzazzjoni u sussidji għal servizzi ta' intervent bikri** (aġġornata fl-2004). Is-servizzi tal-ECI suppost huma maħsuba biex jikkoordinaw l-għajnuna kollha li tikkonċerna lit-tifel/tifla (ħarsien matul il-jum, servizzi soċjali, pre-school, servizzi mediċi, eċċ.).<br>1999 (aġġornat fl-2009): **liġi fuq assistenza teknika** (tagħmir speċjalizzat għal tfal għomja jew torox, bil-wheelchair u għadd ta' tagħmir ieħor għal skop ta' mobiltà b'diżabilitajiet fiżiċi. | Żewġ proġetti pilota f'esperimentazzjoni qabel il-ġeneralizzazzjoni:<br>1. 2010 policies ġodda u programm pilota biex jgħin lill-professjonist jgħidu korrettement u b'mod adekwat id-diżabiltà tat-tifel/tifla lill-ġenituri u jinfurmawhom dwar il-proviżjonijiet li jkunu jistgħu jiksbu.<br>L-iffukar isir fuq id-dikjarazzjoni ta' diżabiltà għaliex il-professjonisti u l-ġenituri jistgħu jiċħduha jew ma jkunux jafu kif jindirizzawha. Id-dikjarazzjoni tad-diżabiltà għalhekk ħafna drabi ddum ma tiġi, bir-riżultat li anke l-intervent idum.<br>2. 2008–2011 ħolqien ta' tim mobbli ta' infermiera u infermiera tan-nursery speċjalizzati f'diżabilitajiet li jsostnu lill-istaff fil-mainstream nurseries ta' kuljum, li jkollhom tifel/tifla jew aktar bi ħtiġijiet speċjali. Meta tinkiseb esperjenza biżżejjed, it-tim imur f'lokazzjoni oħra.<br>Għal diversi raġunijiet iċ-ċentri tal-ħarsien ta' kuljum u n-nurseries jirrifjutaw li jkollhom trabi b'diżabilitajiet. Issa, |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | | aħna nafu li l-inklużjoni ta' tfal b'diżabilitajiet fi gruppi mainstream hija pożittiva ħafna għat-tfal kollha. Il-proġett huwa evalwat darba f'sena. |
| **Ċipru** | 1989 **Liġi fuq id-drittijiet ta' persna b'diżabiltà mentali.**<br>1999 Liġi, 2001 Regulazzjoni u **Atti** Amministrattivi tal-2001 **fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ għal tfal bi ħtiġijiet speċjali**. Mekkaniżmi għall-iskoperta bikrija ta' Tfal bi Ħtiġijiet Speċjali.<br>2000/2004 **Liġi favur persuni b'diżabilità.**<br>2001 Deċiżjonijiet tal-Kunsill Ministerjali li jistabbilixxi s-Servizz Koordinanti għall-ECI.<br>2001 **Regulazzjonijiet għall-għarfien bikri ta' Tfal bi Ħtiġijiet Speċjali.**<br>2001 **Regulazzjonijiet għal Edukazzjoni u Taħriġ ta' Tfal bi Ħtiġijiet Speċjali.** | 2009 It-twaqqif ta' Dipartiment ta' Integrazzjoni Soċjali għall-Persuni b'Diżabilà li jimplimentaw il-Liġi 2002-2004 fuq Persuni b'Diżabilità. |
| **Id-Danimarka** | 1992 **L-Att tal-Edukazzjoni.**<br>1998 **L-Att tas-Servizzi Soċjali.** | 2004 **Liġi fuq pjanijiet ta' tagħlim għat-tfal:** Mill-1 ta' Jannar 2007 il-muniċipalitajiet għandhom l-obbligazzjoni li jaħdmu policy komuni għal tfal biex jassiguraw koerenza bejn xogħol ġenerali u preventiv u intervent iffukat lejn tfal bi ħtiġijiet speċjali. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **L-Estonja** | 1992 **L-Att tal-Edukazzjoni.**<br>1999 **L-Att tal-Istituzzjonijiet tal-Ħarsien tat-Tfal fil-Pre-School** li l-għan tagħhom hu l-inklużjoni tat-tfal żgħar ħafna b'SEN fil-kindergarten mainstream. | 2008 Programm ESF **'Niżviluppaw Sistema ta' Counselling Edukattiv', bil-għan li nassiguraw l-ECI fir-reġjunijiet kollha.**<br>2008 Programm tal-Istat **'Post tal-Kindergarten għal Kull Tifel/tifla'.** |
| **Il-Fillandja** | 1972 **L-Att tas-Saħħa Pubblika** u fl-1991 **l-Ordinanza fuq ir-Rijabilitazzjoni Medika.**<br>1973 **L-Att tal-Ħarsien ta' Matul il-Jum tat-Tfal.**<br>1977 **L-Att fuq servizzi Speċjali għal nies b'diżabilitajiet intellettwali.**<br>1982 **L-Att dwar il-Welfare Soċjali.**<br>1987 **L-Att dwar il-Welfare Soċjali, is-Servizzi u l-Assistenza għal nies b'diżabiltà** (proviżjonijiet ġenerali għal nies bi kwalunkwe tip ta' diżabilta u kwalunkwe età).<br>2001 **Regulazzjoni li tistabbilixxi li t-tagħlim fil-pre-school fiċ-ċentri ta' matul il-jum u l-iskejjel tkun mingħajr ħlas għal min ikollu sitt snin.** | 2005 **Att li Jsostni lil min jgħin lill-qraba viċini.**<br>2009 miżjud mal-Att **(1987 Servizzi għal Nies b'Diżabiltà):** Assistent personali u pjanijiet ta' servizzi Personali għal nies b'Diżabiltà. |
| **Franza** | 1975 **Liġi li tiddefenixxi l-linji ta' gwida affavur persuni b'diżabiltà.**<br>1989 **Liġi fuq il-protezzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, il-familja u t-tifel/tifla.** | 2005 **Liġi għall-ugwaljanza tad-drittijiet u l-opportunitajiet, parteċipazzjoni u ċittadinanza għal nies b'diżabiltà.**<br>2007 Ordinanza li tistabbilixxi l-missjoni taċ-ċentri ta' matul l-jum u s-servizzi. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | | 2008 Rapport Ministerjali fuq l-iżviluppi fil-ħarsien ta' matul il-jum u t-tfulija bikrija.<br>2009 Għanijiet u Konvenzjoni ta' Mmaniġġjar iffirmata mill-Gvern u mill-Korp tas-Sigurtà Nazzjonali li jiddefenixxu l-ħtiġijiet u s-sostenn finanzjarju biex jiġu rrealizzati d-drittijiet tal-ġenituri u l-ħarsien tat-tifel/tifla. |
| **Il-Ġermanja** | 1974 **Liġi Federali** (Bundessozialhilfegesetz – BSHG) li twassal lill- 'Bundesländer' **biex tistabbilixxi ċentri ta' ECI għal tfal b'diżabilità u tfal f'riskju ta' diżabilità u sostenn għall-familji tagħhom.**<br>1974 **Fundazzjoni** tal-ewwel ċentri interdixxiplinarji tal-ECI fuq bażi reġjonali, orjentati lejn il-familja fil-Bavarja.<br>2001 **Liġi Federali Spċjali** (Sozialgesetzbuch IX) **dwar għarfien bikri ta' tfal bi ħtiġijiet speċjali u ECI Interdixxiplinarja.** | 2005 **L-infurzar ta' programm ta' Edukazzjoni Bikrija** (Frühe Bildung) għall-prevenzjoni ta' tfal f'riskju.<br>2005 **Liġi Bavarjana fuq Kindergarten Integrattiv** (BayKiBiG).<br>2007 Twaqqif ta' **'Ċentru Nazzjonali għal Għajnuna Bikrija'** li jiżviluppa sistema biex tagħraf tfal f'riskju, biex isostni l-familji, biex isaħħaħ in-netwerkjar bejn l-istituzzjonijiet mediċi, edukattivi u soċjali differenti fis-snin bikrin u biex isostni riċerka fl-ECI.<br>2008 **Liġi Federali:** Żieda fil-ftuħ ta' skejjel nursery għat-tfal (0–3). |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **Il-Greċja** | 1981 **Liġi**, li tissettja **unitajiet ta' ħarsien speċjali għal tfal u ġenituri.**<br>1985 **L-Att tal-Edukazzjoni**, li jiddetermina edukazzjoni ta' ħtiġijiet speċjali.<br>2000 **Att ta' Edukazzjoni Speċjali**, il-Ministeru tal-Edukazzjoni stabbilixxa Ċentri Dijanjostiċi, ta' Assessjar u Sostenn fl-ibliet kapitali għat-tfal kollha l-aktar minn 3 snin fl-età. | 2008 **Liġi,** 3699/2008 **Edukazzjoni Speċjali u edukazzjoni għal nies b'diżabiltà jew ħtiġijiet edukattivi speċjali.** |
| **L-Irlanda** | 1998 **L-Att tal-Edukazzjoni.**<br>1999 dokument ta' policy **'L-Ewwel Linji ta' Gwida fuq livell Nazzjonali għat-Tfal għal skop ta' protezzjoni u Welfare tat-Tfal'.**<br>2000 L-Istrateġija Nazzjonali tat-Tfal **'It-Tfal tagħna, il-Ħajja tagħhom'.**<br>2000 għal 2004 **Atti ta' Status Ugwali.** | 2004 **Att dwar l-Edukazzjoni għal Persuni bi Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali.**<br>2005 **L-Att dwar id-Diżabiltà.**<br>L-Atti tal-2004 u l-2005 għandhom l-għan li jassiguraw koordinazzjoni effettiva bejniethom u mas-setturi tas-saħħa u edukattivi. |
| **L-Islanda** | 1992 **Att favur nies b'diżabilitajiet.**<br>1993 **Att tal-Awtoritajiet Lokali dwar is-Servizzi Soċjali.** | 2007 **Riżoluzzjoni Parlamentari fuq Pjan ta' Azzjoni għal erba' snin biex itejjeb is-sitwazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ.**<br>2008 **Att Ġdid tal-Edukazzjoni:** Att dwar il-Pre-Schools u l-Att dwar l-iskola Obbligatorja li t-tnejn għandu l-għan li jassiguraw il-welfare u l-adattament meta t-tifel/tifla jimxi minn pre-school għal skola obbligatorja.<br>2008 **Att fuq Ċentru ta' Servizz u Għarfien għall-** |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| | | **għomja, nies bi problemi fil-vista u individwi torox u muti.** |
| **L-Isvezja** | 1995 **L-Att tal-Iskola.**<br>(mill-) 1982 **L-Att dwar is-Servizz Mediku u tas-Saħħa, L-Għajnuna Soċjali, Servizzi u Assistenza għal nies b'diżabiltà.**<br>2001 **L-Att dwar l-Għajnuna Soċjali.** | |
| **L-Isvizzera** | **Leġiżlazzjoni Kantonali** | **Leġiżlazzjoni Kantonali**<br>Qiegħed jiġi mħejji 'Qbil inter-kantonali fuq il-kollaborazzjoni fid-dominju tal-Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali', li jobbliga lill-cantons biex jinkludu l-ECI taħt l-SNE, mingħajr ħlas għall-familji. |
| **Il-Latvja** | 1997 **L-Att tat-Trattament Mediku**, flimkien mar-Regulazzjonijiet mill-2004 dwar organizzazzjoni u ħarsien tas-saħħa, li tindirizza aspetti ta' kemm wieħed jaffordja u ċ-ċans ta' ksib ta' servizzi tas-saħħa.<br>1998 **L-Att dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tifel/Tifla** (b'tibdil ewlieni fl-2004), edukazzjoni b'xejn u ħarsien tas-saħħa għat-tfal kollha, u sostenn addizzjonali u servizzi għal tfal bi ħtiġijiet speċjali.<br>1998 **L-Att tal-Edukazzjoni**, jindirizza prinċipji ta' affordibilità, viċinanza, diversità u kwalità ta' servizzi | 2004 programmi tal-istat **'Latvja għat-Tfal'** u l-Kunċett tal-Istat għal Pollicy tal-Familja, li direttament jindirizza l-prinċipji tal-ECI.<br>2007 **Pjan Nazzjonali ta' Żvilupp Latvjan, li jdaħħal il-prinċipji** li nsibu fl-ECI.<br>2007 **Linji ta' Gwida Strateġiċi għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni,** li jenfasizzaw l-iżvilupp ta' edukazzjoni pre-school. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| | edukattivi.<br>1999 **L-Att tal-Edukazzjoni Ġenerali**, 2001, flimkien mar-Regulazzjonijiet fuq il-kompetenzi tal-istat u l-kummissjonijiet pedagoġiċi lokali.<br>2001 Regulazzjonijiet fuq aċċess għal ambjenti ta' edukazzjoni speċjali fuq pre-schools u skejjel (jiddefinixxu l-gruppi fil-mira għal servizzi edukattivi speċjali).<br>2002 **L-Att dwar s-Servizzi Soċjali u l-Assistenza Soċjali,** tindirizza aspetti ta' ksib, viċinanza, u koordinazzjoni interdixxiplinarja ta' servizzi soċjali.<br>2002 **L-Att dwar l-Allowances tal-Istat Soċjali,** jagħti sostenn finanzjarju lill-familji bit-tfal. | |
| **Il-Litwanja** | 1996 **L-Att dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.**<br>1998 **L-Att dwar l-Edukazzjoni Speċjali.**<br>2000 **Regulazzjonijiet dwar l-ECI.** | 2009 Il-MInisteru tal-Edukazzjoni ħejja u approva d-dokument uffiċjali 'Id-deskrizzjoni tal-mudell *Titjib tal-ħajja u l-kundizzjonijiet edukattivi għat-tfal mit-twelid sakemm jidħlu l-iskola'* skont il-Programm tal-Gvern 2008-2012. |
| **Il-Lussem-burgu** | | 2008 **L-att 'Għajnuna għal Tfal u Familji'** li jorganizza mill-ġdid is-servizzi ta' sostenn soċjali u edukattivi u li jintroduċi 'Uffiċċju Nazzjonali tat-Tfulija'.<br>2009 **L-Att tal-Edukazzjoni** li joħloq kummissjonijiet ta' inklużjoni lokali u reġjonali. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **Malta** | | 2006 **Policy Nazzjonali fuq l-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfulija Bikrija.**<br>2006 pubblikazzjoni ta' **Standards Nazzjonali għal Tfal fil-Faċilitajiet ta' Matul il-Jum.** |
| **In-Norveġja** | **L-Att tal-Kindergarten**<br>§ 13 Il-prijorità tad-Dħul: Tfal b'diżabilitajiet huma intitolati għal prijorità ta' dħul fil-kindergarten. Evalwazzjoni esperta għandha tassessja jekk tifel/tifla għandux diżabilità.<br>§ 4.12 u 4.4, it-2[ieni] u r- 4[a'] paragrafi, id-dritt ta' prijorità ta' dħul fil-kindergarten: Il-kommunità hija responsabbli li t-tfal bi prijorità jiffittjaw fil-kindergarten.<br>**Liġi fuq is-servizzi tas-saħħa fil-munċipalità**<br>§ 2-2 Id-dritt tat-tfal għas-saħħa: It-tfal huma intitolati għal ħarsien essenzjali tas-saħħa fil-forma ta' servizzi tas-saħħa fil-muniċipalitajiet fejn it-tifel/tifla qiegħed jgħix jew joqgħod għal xi żmien. Il-ġenituri huma obbligati li jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni tat-tifel/tifla fis-servizzi tas-saħħa.<br>**Liġi fuq is-servizzi soċjali** (Kapitlu 4 tas-servizzi Soċjali m.v.)<br>§ 4-1. Tipprovdi informazzjoni, pariri u ggwidar: Is-servizzi soċjali huma responsabbli li jipprovdu | |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | informazzjoni, pariri u ggwidar li jistgħu jgħinu biex isolvu jew jipprevjenu l-problemi soċjali. Jekk is-servizzi soċjali ma jipprovdux għajnuna, huma jassiguraw, fejn ikun possibbli, li oħrajn jagħmlu dan.<br>§ 4-2. Servizzi. Is-servizzi soċjali jinkludu<br>a) assistenza prattika u taħriġ, li jinkludu assistenza personali li tkun ikkontrollata minn min ikun qiegħed jużaha, għal dawk li jkollhom ħtiġijiet speċjali minħabba mard, diżabiltà, età jew raġunijiet oħra,<br>b) miżuri ta' serħan għal individwi u familji li jkollhom problem ta' ħarsien ta' ċertu toqol,<br>ċ) sostenn permezz ta' kuntatt għal individwi u familji li jkollhom bżonnu minħabba diżabiltà, età jew problemi soċjali,<br>d) post f'istituzzjoni jew servizz residenzjali ta' ħarsien ta' 24 siegħa lil dawk li jkollhom bżonnu minħabba diżabiltà, età u raġunijiet oħra,<br>e) ħlas għal dawk il-persuni li jkollhom xi tip ta' ħarsien ta' ċertu toqol.<br>**Liġi fuq is-Servizzi tal-Għajnuna Soċjali tat-Tifel/Tifla (**Kapitlu 4 miżuri Speċjali)<br>§ 4-1.<br>§ 4-4. Miżuri ta' assistenza għal tfal u familji: Is-Servizzi tal-Għajnuna Soċjali tat-Tfal jgħinu biex it-tfal jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' għajxien tajbin u | |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| | jiżviluppaw miżuri ta' pariri, iggwidar u assistenza. Is-Servizz tal-Għajnuna Soċjali tat-Tfal jara, li meta jkun hemm bżonn minħabba kundizzjonijiet fid-dar jew għal raġunijet oħra, li jassigura li jagħti s-servizzi lit-tifel/tifla u lill-familja (jiġifieri jappunta kuntatt ta' sostenn, jassigura li t-tifel/tifla jista' jiffittja fil-kindergarten, meta jmur id-dar jiġu pprovduti miżuri ta' sostenn fid-dar, ċentri fejn joqogħdu l-ġenituri u t-tfal kif ukoll miżuri oħra ta' sostenn għall-ġenituri). Bl-istess mod is-Servizzi tal-Għajnuna Soċjali tat-Tfal jaraw ukoll li jwettqu miżuri li jistimulaw l-attività tal-ħin liberu tat-tifel/a, jew jassiguraw li t-tifel/tifla jiġi offruti edukazzjoni jew xogħol, jew l-opportunità li jgħix/tgħix 'il bogħod mid-dar.Is-servizzi wkoll iqiegħdu d-dar taħt is-superviżjoni ta' gwida appuntat għat-tifel/a. | |
| **L-Olanda** | **Liġi ġenerali dwar infiq speċjali fuq is-saħħa** (Algemene Wet Bijzondere Ziektekosten).<br>Liġi li tipprovdi **sussidju għal organizzazzjonijiet varji li jsostnu lill-familji** (Wet Financiering Volksverzekeringen).<br>**L-Att dwar is-Sigurtà tas-Saħħa Bażika**, li tinkorpora l-fondi għal-ufficċji tal-counselling tat-tifel/tifla regulari. | 2004 **L-Att dwar il-Ħarsien taż-Żgħażagħ,** età tvarja bejn 0–18.<br>2004 **Liġi ta' Proviżjoni Bażika għall-Ħarsien tat-Tfal.**<br>Li tirregola l-istrutturi tas-settur tat-tħaris tat-tfal. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **Il-Polonja** | 1999 **Linji ta' Gwida tal-Gvern għall-ECI.**<br>1999 **Riżoluzzjoni tal-Gvern għall-ECI.** | 2005–2007 programm **'Għajnuna Bikrija multispeċjalizzata, ikkoordinata u kontinwa għal tfal b'diżabiltà u l-familji tagħhom'.**<br>2009 tħejjija mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' **sistema għall-monitoraġġ tal-effettività tal-ECI.** |
| **Il-Portugal** | 1986 **Att tas-sistema għall-Edukazzjoni Komprensiva.**<br>1997 **Ordinanza li tistabbilixxi s-sussidji għall-familji.**<br>1997 **Regolazzjoni li tistabbilixxi s-sostenn finanzjarju għall-proġetti ta' intervent bikri.**<br>1999 **Regolazzjoni Eżekuttiva Konġunta** (Il-Ministeru tas-Saħħa, l-Edukazzjoni u s-Sigurtà Soċjali) li tiddefenixxi l-linji gwida għall-ECI. | 2008 **Att tal-Edukazzjoni għall-Ħtiġijiet Speċjali** li jistabbilixxi l-aspetti organizzazzjonali tal-ECI.<br>2009 **Att li jikkrea Sistema Nazzjonali għall-ECI** bħala responsabiltà flimkien tal-Ministeri tas-Saħħa, l-Edukazzjoni u s-Sigurtà Soċjali. |
| **Ir-Renju Unit (l-Ingilterra)** | 1995 **L-Att dwar is-Diskriminazzjoni minħabba Diżabiltà** kif emendata bl-**Att dwar il-Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali u d-Diżabiltà** (2001): Jinħtieġu ambjenti Għal Snin Bikrin għal tfal taħt il-ħames snin biex dawn ma jittrattrawx tfal b'diżabiltà b'mod inqas favorevoli u biex jagħmlu 'ri-aġġustamenti raġjonevoli' biex jinkludu t-tfal fl-ambjenti jew attivitajiet mainstream.<br>2001 **Il-Kodiċi ta' Prattika SEN.**<br>2002 **Il-Kodiċi ta' Prattika SEN għal Wales**: | 2004 **Att tat-Tfal:** Jippromwovi xogħol integrat aħjar bejn is-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi tal-ħarsien soċjali f'kull livell.<br>2005 **Qafas ta' Servizz Nazzjonali għal Tfal u s-servizzi Materni.**<br>2006 **Qafas ta' Servizzi Nazzjonali għal Tfal, Żgħażagħ u Servizzi tal-Maternità f'Wales:** Jistabbilixxi standards nazzjonali għal twassil ta' servizz għal tfal u żgħazagħ, inklużi s-servizzi tal-ECI għal tfal taħt il-ħames snin bl-SEN u diżabiltà. Iħaddem u jsostni l-iżvilupp tas- |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | Tipprovdi ggwidar fuq il-proviżjoni ta' sostenn addizzjonali għal tfal b'SEN u diżabilitajiet f'ambjenti mainstream u universali u skejjel għal tfal taħt il-ħames snin. Jirrifletti l-assunzjoni ta' liġi ta' edukazzjoni li t-tfal normalment għandhom jiġu edukati f'ambjenti mainstream. | servizzi ta' ħaddiem ewlieni.<br>(Ħtiġijiet statutorji fl-Ingilterra mill-208) **L-Istadju tal-Fundazzjoni tas-Snin Bikri:** Qafas regulatorju u ta' kwalità għall-proviżjoni tat-tagħlim, l-iżvilupp u l-ħarsien għal tfal bejn it-twelid u s-sena akkademika li fiha jagħlqu ħames snin. Tippromwovi l-inklużjoni u t-tagħlim personalizzat għal tfal b'SEN u diżabiltà.<br>(Mill-04/2003 fl-Ingilterra, mill-09/2009 f'Wales) **Programm Bikri ta' Sostenn:** Programm nazzjonali kontinwu li jsostni t-twettiq lokali ta' **Flimkien sa mill-Bidu** u l-iżvilupp ta' servizzi ECI għal tfal taħt il-ħames snin fuq il-mudell tas-servizzi għall-Agency Ewropea.<br>2004 **Neliminaw dak li jfixkel is-suċċess:** Tippromwovi l-inklużjoni ta' tfal taħt il-ħames snin bl-SEN u diżabilitajiet f'ambjenti mainstream tas-Snin Bikrin, inklużi skejjel. Ħabbret ukoll, il-Programm tal-Iżvilupp tal-Inklużjoni biex isostni lill-proviżuri tas-snin bikrin u skejjel biex jintħalqu l-ħtiġijiet ta' tfal b'diffikultajiet fil-komunikazzjoni, taħdit u lingwa, tfal fl-Ispettru Awtistiku u dawk b'DIffikultajiet ta' Soċjali, Emozzjonali u ta' Mġiba.<br>2007 **Naspiraw fl-Għoli għal Tfal b'Diżabiltà:** Tħabbar programm nazzjonali li jiżviluppa programm ta' breaks qosra u ta' proviżjoni ta' ħarsien tat-tfal b'SEN u diżabilitajiet għall-etajiet kollha, inklużi tfal taħt il-ħames snin. |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
|---|---|---|
| **Ir-Renju Unit (L-Irlanda ta' Fuq)** | 1995 **L-Att dwar id-Diskriminazzjoni minħabba Diżabiltà** – applikat għal servizzi edukattivi fl-NI wara l-introduzzjoni ta' SENDO.<br>1996 **L-Ordni tal-Edukazzjoni** jintroduċi drittijiet ġodda għall-ġenituri. | 2005 **Ħtiġijiet Edukattivi Speċjali u l-livell tad-Diżabiltà,** li ssaħħaħ id-drittijiet tat-tfal b'SEN biex jattendu fil-proviżjonijiet mainstream. |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 1997 Intervent bikri bħala servizz soċjali introdott fil-Kampjun tar-Razzjonal tal-**Att tas-Servizzi Soċjali** l-ġdid.<br>Att fuq **is-Saħħa tal-Popolazzjoni** dwar il-ħarsien tas-saħħa priventiva, l-għarfien bikri ta' diżabilitajiet, ħarsien tas-saħħa inklużi l-ħarsien ta' saħħa speċifika, il-balneoloġija, ir-rijabilitazzjoni, il-counselling lill-ġenituri.<br>Istituzzjonijiet speċifiċi għat-tfal u ċentri tal-ħarsien (età 0–3).<br>**L-Att tas-Sigurtà tas-Saħħa** – fil-qasam tal-EI li jittrattaw b'mod speċjali aċċess ħieles għall-ħarsien tas-saħħa u s-servizzi, kif ukoll responsabilitajiet.<br>**L-Att tal-Iskola** u l-emendi tiegħu – proċess ta' demokratizzazzjoni. Twaqqfet istituzzjoni ta' counselling ġdid, sostenn u ggwidar (Ċentri Pedagoġiċi Speċjali) biex jaħdmu ma' tfal b'diżabilità/ħtiġijiet speċjali (l-aktar mill-eta ta' 3 snin) u l-ġenituri tagħhom. | 2004 **L-Att tal-Edukazzjoni** – filosofija ġdida ta' dokument ibbażat fuq id-drittijiet umani, l-għażla, l-edukazzjoni mainstream il-proviżjoni tas-sostenn, il-counselling, kemm tkun lesta l-iskola u s-suċċess, ir-rwol taċ-ċentri tal-counselling fl-EI.<br>2006 **L-Att tas-Servizzi Soċjali** jiddefenixxi l-intervent Bikri bħala servizz soċjali preventiv u kumpless għal familji b'tifel/tifla b'xi diżabiltà (0–7).<br>L-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sostenn għal tfal li jkunu f'riskju (2/3-6) u l-familji tagħhom fis-settur edukattiv.<br>Proġett pilota – **Ċentru tal-ħarsien għal tfal li jkunu f'riskju ta' saħħa** (ħarsien kumpless u lonġitudinali għal tfal immaturi) beda fis-settur tal-ħarsien tas-saħħa.<br>2004, 2008 **Strateġija tal-Gvern fuq Intervent Bikri** b'iffukar speċjali fuq 'tfal f'riskju' ġejjin minn ambjenti svantaġġjati kien approvat.<br>2009 **Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Gvern fuq Intervent Bikri** b'iffukar speċjali fuq 'tfal f'riskju' ġejjin minn ambjenti soċjali svantaġġjati kien approvat u |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | 2002 **Standards ta' Kwalità f'Intervenzjoni Bikrija** bħala servizz soċjali għall-familji bi tfal li jkollhom diżabilitajiet kompluti u ppreżentati mill-Ministeru tax-Xogħol fuq l-affarijiet soċjali.<br>2003 Adozzjoni tar-razzjonal ta' rijabilitazzjoni komprensiva fil-livell ta' gvern. L-intervent bikri huwa parti minn dan id-dokument.<br>Diskussjonijiet kontinwi fuq livell ta' gvern dwar intervent bikri dwar responsabilitajiet mxierka u l-parteċipazzjoni tas-setturi.<br>**Emendi tas-Saħħa tal-Popolazzjoni –** kwalità u aċċessibiltà tas-servizzi tas-saħħa, responsabilitajiet tal-proviżuri tas-servizzi tas-saħħa, ħarsien għal xi żmien (respite care).<br>**Emendi tal-Att tas-Sigurtà tas-Saħħa –** Iffinanzjar, manteniment u aċċess tal-pazjenti/klijenti għall-ħarsien tas-saħħa u drittijiet tal-pazjenti. | qiegħed jitwettaq. |
| **Is-Slovenja** | Fis-Slovenja m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni speċjali għall-ECI. Il-ħarsien tas-saħħa u l-prevenzjoni hija taħt il-Ministeru tas-Saħħa. | Matul is-sena 2009/10 qed tiġi mħejjija Liġi dwar opportunitajiet ugwali għal nies b'diżabiltà kif ukoll Liġi għal kundizzjonijiet ugwali għal tfal b'SEN. |
| **Spanja** | 1982 **L-Att tal-integrazzjoni tan-nies b'diżabiltà**<br>1995 **L-Ordinanza Irjali fuq l-organizzazzjoni tal-edukazzjon għal studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.** | 2005, it- **II. Pjan ta' Azzjoni fuq id-Diżabiltà fil-Kommunità ta' Madrid** inkluża l-proviżjoni tal-ECI.<br>2006 liġijiet li **jirregolaw edukazzjoni inklużiva u dipendenza fis-sistema soċjali għal persuni** |

| Pajjiż | Qabel l-2004 | Wara l-2004–2005 |
| --- | --- | --- |
| | 1997–2002 L-**I. Pjan ta' Azzjoni fuq id-Diżabilitajiet ta' Madrid,** li għandu l-għan li jistma l-inċidenza reali ta' diżordni ta' żvilupp tat-tfal.<br>2000 pubblikazzjoni tal-'**White Book tal-Intervent Bikri',** li jqiegħed il-prinċipji għall-iżviluppi futur tal-ECI.<br>2002 **L-Att tal-Edukazzjoni fuq il-Kwalità tal-Edukazzjoni** stabbilixxa 0–3 bħala perjodu soċjo-edukattiv.<br>2003 Dispożizzjonijiet ġodda dwar l-**Att fuq l-Opportunitajiet Ugwali u kontra d-Diskriminazzjoni** fil-biċċa l-kbira referuti għal aspetti ta' aċċessibiltà. | **b'diżabilità,** inklużi aspetti speċifiċi għal tfal bejn 0–3.<br>2006 **liġi edukattiva fil-livell nazzjonali** għandha impenn sħiħ lejn l-edukazzjoni inklużiva u biex iżżid ċentri mingħajr ħlas għall-pre-schools (minn 0 sa 3) fil-livell reġjonali permezz ta' 'Pjan Educa3' (2009). |
| **L-Ungerija** | 1993 **L-Att dwar il-Proviżjoni Soċjali** (u aktar Regulazzjonijiet).<br>1993 **L-Att tal-Edukazzjoni.**<br>1997 **L-Atti tal-Ħarsien tas-Saħħa** (u aktar Regulazzjonijiet). | 2006 **L-Att Dwar Drittijiet Ugwali.** |

MT

F’dan ir-rapport insibu taqsira tal-analiżi li saret mill-Aġenzija għall-Iżvilupp ta’ Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, fuq talba tar-rappreżentanti tal-pajjiżi membri, fuq is-suġġett li jittratta l-Intervent fit-Tfulija Bikrija.

Ix-xogħol li għaddej  bħalissa fuq is-suġġett huwa aġġornament tal-analiżi fil-qasam tal-ECI li kien sar mill-Agency fl-2003–2004.

L-objettivi tal-aġġornament tal-proġett kien li nibnu fuq ir-riżultati fil-mira, u r-rakkomandazzjonijiet tal-ewwel analiżi tal-Agency. L-enfasi ewlenija kienet fuq il-progress u t-tibdiliet ewlenin li saru fil-pajjiżi msieħba sa mill-2005 fil-qasam tal-ECI. Dawn l-iżviluppi huma ġenerali u jridu jintqiesu flimkien mal-ħames elementi ewlenin, jiġifieri, kemm is-servizz jista’ jinkiseb; il-viċinanza; kemm is-servizz jista’ jkun affordjat; ix-xogħol interdixxiplinarju u d-diversità. Dawn huma meqjusa bħala l-fatturi essenzjali fil-mudell tal-ECI kif propost fl-ewwel studju tal-Agency.

Esperti nazzjonali minn 26 pajjiżi huma involuti fil-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni tal-pajjiż dwar il-progress u l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-ECI.

Il-messaġġ ewlieni kien li għalkemm saru sforzi mill-pajjiżi u l-progress jidher fil-livelli kollha, aktar xogħol jinħtieġ isir biex jiġi assigurat li l-għan ewlieni jintlaħaq. Dan l-għan huwa, li d-dritt li kull tifel/a u l-familja tiegħu/ha jirċievu s-sostenn li jistgħu jkunu jinħtieġu.



European Agency for Development in Special Needs Education